Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2025/0240(COD)

24.6.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509
(COM(2025)0565 – C10-0179/2025 – 2025/0240(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Eero Heinäluoma

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

F'din l-opinjoni, ir-Rapporteur jiffoka fuq it-tisħiħ tal-qafas ta' aċċertament u obbligu ta' rendikont tar-Regolament NRPP, fil-kompetenza tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit. Il-fini tagħha huwa li tikkontribwixxi għal pożizzjoni tal-Parlament li tkun allinjata mal-istandards tal-Unjoni dwar l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

L-istrumenti bbażati fuq il-prestazzjoni qed isawru mill-ġdid il-mod kif l-Unjoni timplimenta l-baġit tagħha. Billi torbot il-pagamenti mal-istadji importanti u l-miri minflok mal-kostijiet rimborżati, il-Kummissjoni twiegħed simplifikazzjoni, implimentazzjoni aktar rapida u enfasi aktar qawwija fuq ir-riżultati. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kienet l-ewwel applikazzjoni fuq skala kbira ta' dan il-mudell, u l-Kummissjoni issa tipproponi li testendiha permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (Pjanijiet SNR) fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Filwaqt li din il-bidla tista' toffri vantaġġi, tintroduċi wkoll riskji sinifikanti għall-kontroll, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri identifikat nuqqasijiet serji fis-sistema ta' kontroll tal-RRF, inklużi rendikonti tal-entrati mhux kompluti, kwalità mhux uniformi tal-kontrolli nazzjonali u aċċertament limitat fuq il-legalità u r-regolarità tal-infiq. Is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew u studji reċenti tal-Parlament komplew juru lakuni fis-sistemi tad-data, nuqqasijiet fir-rapportar nazzjonali u l-limiti tal-għodod ta' trasparenza.

Dawn it-tagħlimiet iridu jiġu riflessi fit-tfassil ta' strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni, b'mod partikolari l-Pjanijiet SNR.

L-ewwel nett, il-bidla lejn pagamenti bbażati fuq stadji importanti tirrikjedi li l-awtoritajiet nazzjonali ta' ġestjoni u ta' awditjar jadattaw il-prattiki tagħhom b'mod fundamentali. L-opinjoni tappella għal verifika strutturata tal-prontezza qabel tibda l-implimentazzjoni, appoġġjata minn bini tal-kapaċitajiet u aġġornamenti annwali. Mingħajr din, hemm riskju li s-simplifikazzjoni ssir sors ta' nuqqasijiet fil-kontroll.

It-tieni, l-opinjoni ssaħħaħ il-kundizzjonijiet orizzontali relatati mal-istat tad-dritt, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-UNCRPD u l-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Nuqqasijiet fl-istat tad-dritt, bħal theddid għall-indipendenza ġudizzjarja, korpi kontra l-frodi dgħajfa jew problemi fl-akkwist sistemiċi, direttament iżidu r-riskji għall-baġit tal-UE. Għalhekk, l-opinjoni ssaħħaħ ir-rekwiżit ta' aċċertament kredibbli, ir-rieżamijiet ta' nofs it-terminu u l-obbligu tal-Kummissjoni li timblokka l-pagamenti meta ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet.

It-tielet, l-opinjoni tinsisti li s-simplifikazzjoni ma tridx tirriżulta għad-detriment tat-

trasparenza jew it-traċċabbiltà. Rendikonti tal-entrati kompluti, sistemi tad-data interoperabbli u l-ħila li jiġu vverifikati l-kostijiet sottostanti jibqgħu essenzjali biex tintwera l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz u jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri. L-opinjoni tiċċara wkoll id-definizzjoni tar-riċevituri u r-riċevituri finali biex tiġi żgurata traċċabbiltà sħiħa fil-ktajjen kollha tal-akkwist.

Finalment, l-opinjoni ssaħħaħ il-qafas għal korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji. In-nuqqas ta' konformità mal-liġi applikabbli jrid jinvolvi konsegwenzi finanzjarji, u l-Kummissjoni għandha tkun obbligata tirkupra l-ammonti meta l-istadji importanti finali jew il-miri ma jintlaħqux. Metodoloġiji ċari għat-tnaqqis, sospensjonijiet u rkupri huma kruċjali għal infurzar konsistenti.

Il-Kummissjoni tipproponi li jiġu diretti mijiet ta' biljuni ta' euro permezz tal-Pjanijiet SNR matul il-perjodu ta' programmazzjoni ta' seba' snin li jmiss. Jekk ikunu mfassla tajjeb, l-istrumenti bbażati fuq il-prestazzjoni jistgħu jrendu r-riżultati u jsaħħu l-fiduċja fil-baġit tal-UE. Jekk le, hemm riskju li jnaqqsu l-obbligu ta' rendikont u jdgħajfu l-ġestjoni finanzjarja tajba. Din l-opinjoni għandha l-għan li tiżgura li l-qafas NRPP jikkombina l-prestazzjoni mal-integrità, it-trasparenza u s-sorveljanza robusta.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(3), l-Artikolu 46, il-punt (d), l-Artikolu 91(1), il-punt (d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2), il-punt (a), u l-Artikoli 164, 175, 177 u 178, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 209(1), l-Artikolu 212(2), l-Artikolu 322(1), il-punt (a), u l-Artikolu 349 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(3), l-Artikolu 46, il-punt (d), l-Artikolu 91(1), il-punt (d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2), il-punt (a), u l-Artikoli 164, 175, 177 u 178, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 209(1), l-Artikolu 212(2), l-Artikolu 322(1), il-punt (a), ***l-Artikolu 325(4),*** u l-Artikolu 349 tiegħu,

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) F'dan il-kuntest, huwa kruċjali li jitkomplew l-isforzi biex jiġu ssimplifikati r-regoli u jittejbu l-mudelli ta' implimentazzjoni kurrenti biex jiġu massimizzati l-effettività u r-reattività tal-infiq tal-Unjoni u tinkiseb simplifikazzjoni għall-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-benefiċjarji. Għalhekk, il-fondi allokati lill-Istati Membri jenħtieġ li jinkorporaw enfasi aktar qawwija fuq ir-riżultati, is-simplifikazzjoni u l-massimizzazzjoni tal-investiment pubbliku b'valur miżjud għoli tal-Unjoni, inkluż l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku biex jiġu promossi objettivi ta' politika ewlenin, u l-ingranaġġ tal-kapital privat. Għaldaqstant, l-Unjoni jenħtieġ li tistabbilixxi l-objettivi u t-tipi ta' interventi filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ li jġorru responsabbiltà u akkontabbiltà akbar biex jintlaħqu dawk l-objettivi. B'konsegwenza ta' dan, hemm bżonn li jiġu żgurati sussidjarjetà u flessibbiltà akbar sabiex jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali u reġjonali.	(10) F'dan il-kuntest, huwa kruċjali li jitkomplew l-isforzi biex jiġu ssimplifikati r-regoli u jittejbu l-mudelli ta' implimentazzjoni kurrenti biex jiġu massimizzati l-effettività u r-reattività tal-infiq tal-Unjoni u tinkiseb simplifikazzjoni għall-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-benefiċjarji. Għalhekk, il-fondi allokati lill-Istati Membri jenħtieġ li jinkorporaw enfasi aktar qawwija fuq ir-riżultati, is-simplifikazzjoni u l-massimizzazzjoni tal-investiment pubbliku b'valur miżjud għoli tal-Unjoni, inkluż l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku biex jiġu promossi objettivi ta' politika ewlenin, u l-ingranaġġ tal-kapital privat. Għaldaqstant, l-Unjoni jenħtieġ li tistabbilixxi l-objettivi u t-tipi ta' interventi filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ li jġorru responsabbiltà u akkontabbiltà akbar biex jintlaħqu dawk l-objettivi. B'konsegwenza ta' dan, hemm bżonn li jiġu żgurati sussidjarjetà u flessibbiltà akbar sabiex jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali u reġjonali. ***Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati skemi ta' għotjiet fuq skala żgħira biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni għal entitajiet iżgħar u organizzazzjonijiet ta' bażi li jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jagħtu appoġġ fil-livell lokali.***

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Din il-bidla sinifikanti fil-mudell tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE

	tirrikjedi simultanjament li l-awtoritajiet nazzjonali ta' ġestjoni u ta' awditjar jadattaw ix-xogħol tagħhom b'mod sinifikanti u jimxu lejn approċċ ta' ġestjoni u awditjar differenti. Din il-bidla għalhekk jenħtieġ li tiġi akkumpanjata minn verifika tal-prontezza tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u tal-awditjar li jimplimentaw il-mudell ta' implimentazzjoni tal-baġit il-ġdid u l-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet. Il-verifika u l-appoġġ għalhekk jenħtieġ li jsiru qabel il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid u jkomplu kull sena matul dan il-perjodu ta' programmazzjoni biex jiġu żgurati implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-baġit tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tagħha.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Bil-għan li jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, il-Fond jenħtieġ li jindirizza l-isfidi deskritti b'mod olistiku, koordinat u konsistenti, li jirrifletti l-ħtiġijiet nazzjonali u reġjonali differenti ta' kull Stat Membru filwaqt li jiżgura appoġġ għall-prijoritajiet rilevanti kollha tal-Unjoni ***u l-valur għall-flus***. Barra minn hekk, il-Fond jenħtieġ li jikkontribwixxi għal qafas simplifikat u kkoordinat tajjeb filwaqt li jibbaża fuq governanza u sħubija b'saħħithom f'diversi livelli. Huwa jenħtieġ li jipprovdi bażi biex tiġi żgurata allokazzjoni aktar effiċjenti u flessibbli tal-finanzjament f'oqsma ta' politika differenti filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw prijoritajiet ta' politika ġodda u jirriallokaw ir-riżorsi biex jirrispondu għal sfidi u kriżijiet mhux previsti.	(13) Bil-għan li jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, il-Fond jenħtieġ li jindirizza l-isfidi deskritti b'mod olistiku, koordinat u konsistenti, li jirrifletti l-ħtiġijiet nazzjonali u reġjonali differenti ta' kull Stat Membru filwaqt li jiżgura appoġġ għall-prijoritajiet rilevanti kollha tal-Unjoni***, filwaqt li jaderixxi b'mod sħiħ mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jirrispetta l-istat tad-dritt u jiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE***. Barra minn hekk, il-Fond jenħtieġ li jikkontribwixxi għal qafas simplifikat u kkoordinat tajjeb filwaqt li jibbaża fuq governanza u sħubija b'saħħithom f'diversi livelli. Huwa jenħtieġ li jipprovdi bażi biex tiġi żgurata allokazzjoni aktar effiċjenti u flessibbli tal-finanzjament f'oqsma ta' politika differenti filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw prijoritajiet ta' politika ġodda u jirriallokaw ir-riżorsi biex jirrispondu għal

sfidi u kriżijiet mhux previsti.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Madankollu, il-flessibbiltà fil-Fond jenħtieġ li ma tikkompromettix l-objettivi ta' politika fit-tul, il-prevedibbiltà tal-finanzjament jew id-dimensjoni territorjali tal-infiq. B'mod partikolari, jenħtieġ li din ma toħloqx kompetizzjoni mhux meħtieġa għar-riżorsi finanzjarji bejn il-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji ta' politiki differenti tal-Unjoni. Il-preżervazzjoni tal-kapaċità li jiġi vverifikat kif jiġu allokati, implimentati u kkontrollati r-riżorsi għal kull objettiv ta' politika bbażat fuq it-Trattat hija prekundizzjoni li verament tagħti valur miżjud għall-koordinazzjoni u għall-flessibbiltà mtejba.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost – minħabba l-firxa u l-ispeċifiċitajiet ta' xi wħud mill-isfidi msemmija hawn fuq – jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex	(22) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost – minħabba l-firxa u l-ispeċifiċitajiet ta' xi wħud mill-isfidi msemmija hawn fuq – jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex

jintlaħqu dawk l-objettivi. Ir-reġjuni se jibqgħu fiċ-ċentru tal-Fond bil-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli bħala l-elementi sottostanti. Biex tiġi żgurata l-kontinwità, il-Fond se jibni kemm jista' jkun fuq il-prostrutturi eżistenti mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra li għandhom rwol ewlieni fit-tfassil, il-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri appoġġati taħt il-Fond.

jintlaħqu dawk l-objettivi. Ir-reġjuni se jibqgħu fiċ-ċentru tal-Fond bil-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli bħala l-elementi sottostanti. Biex tiġi żgurata l-kontinwità, il-Fond se jibni kemm jista' jkun fuq il-prostrutturi eżistenti mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra li għandhom rwol ewlieni fit-tfassil, il-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri appoġġati taħt il-Fond***, b'mod partikolari fl-Istati Membri bi strutturi ta' governanza reġjonalizzati, sabiex jiġi żgurat li l-investimenti jirriflettu b'mod effettiv il-ħtiġijiet territorjali u l-prijoritajiet tal-iżvilupp***.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-prinċipju tas-sħubija huwa element ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet SNR, li jibni fuq l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli u jiżgura l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab ekonomiċi u soċjali. Sabiex tiġi pprovduta kontinwità fl-organizzazzjoni tas-sħubija, il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija għall-Ftehimiet ta' Sħubija u l-programmi appoġġati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej stabbilit mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014[1] (il-"kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar is-sħubija") jenħtieġ li jkompli japplika għall-Pjanijiet.	(24) Il-prinċipju tas-sħubija huwa element ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet SNR, li jibni fuq l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli u jiżgura l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab ekonomiċi u soċjali. Sabiex tiġi pprovduta kontinwità fl-organizzazzjoni tas-sħubija, il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija għall-Ftehimiet ta' Sħubija u l-programmi appoġġati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej stabbilit mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014[1] (il-"kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar is-sħubija") jenħtieġ li jkompli japplika għall-Pjanijiet. ***Il-prinċipju tas-sħubija għandu jiġi applikat bħala rekwiżit operazzjonali, mhux sempliċement bħala eżerċizzju formali ta' konsultazzjoni. L-Istati Membri għandhom juru li l-awtoritajiet reġjonali u lokali kienu involuti b'mod effettiv fil-programmazzjoni, l-***

implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-emendi tal-Pjanijiet.

[1] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).

[1] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Minħabba l-koeżistenza ta' strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni bbażati fuq il-prestazzjoni u bbażati fuq il-kostijiet, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza bejn dawn il-mudelli ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari billi tiġi żgurata l-affidabbiltà tad-data dwar l-outputs u r-riżultati u billi jiġu prevenuti l-inkonsistenzi u r-riskji ta' finanzjament doppju.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Il-bidla għal implimentazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni tirrikjedi li l-istadji importanti u l-miri jitfasslu b'livell ta' preċiżjoni u speċifiċità li jippermetti li t-twettiq sodisfaċenti tagħhom jiġi vvalutat b'mod oġġettiv. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-istadji importanti u l-miri li jinsabu fil-PSNR ikunu speċifiċi, jistgħu jitkejlu, marbuta mal-ħin, jistgħu jiġu vverifikati permezz ta' evidenza indipendenti u impossibbli li jitqiesu li

	twettqu b'mod sodisfaċenti biss abbażi ta' awtoċertifikazzjoni mill-Istat Membru. L-indikaturi applikati biex tiġi segwita l-prestazzjoni jenħtieġ li jkunu orjentati lejn ir-riżultati u l-impatti, u l-istadji importanti u l-miri bbażati fuq l-output jenħtieġ li jkunu sekondarji u jintużaw biex jispjegaw dawk ir-riżultati pjuttost milli biex jissostitwuhom.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 26b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26b) Filwaqt li l-Kummissjoni, qabel kwalunkwe pagament, jenħtieġ li tivverifika t-twettiq tal-istadji importanti u l-miri abbażi ta' dokumentazzjoni ta' sostenn, l-adozzjoni biss ta' att leġiżlattiv jew amministrattiv, fin-nuqqas ta' effetti sostantivi li jistgħu jitkejlu, jenħtieġ li ma titqiesx bħala stadju importanti mwettaq b'mod sodisfaċenti.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi salvagwardji b'saħħithom biex jiġi żgurat li l-Fond jiġi implimentat b'mod li jiżgura r-rispett tad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u tal-prinċipji*** tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] . Għalhekk, bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni tal-Pjanijiet SNR ***tagħhom***, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċertament dwar l-	(27) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi salvagwardji b'saħħithom biex jiġi żgurat li l-Fond jiġi implimentat b'mod li jiżgura r-rispett tad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, li tipprevedi, fost l-oħrajn, projbizzjoni komprensiva tad-diskriminazzjoni minħabba d-diżabbiltà u dispożizzjonijiet dwar l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà, azzjonijiet xierqa biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-***

issodisfar ta' dawn ***iż-żewġ kundizzjonijiet*** orizzontali, b'identifikazzjoni ta' nuqqasijiet potenzjali u azzjonijiet ta' rimedju bbażati, b'mod partikolari, fuq l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew, kif ukoll il-proċedimenti ta' ksur u s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. ***L-Istati Membri kollha*** jenħtieġ li ***jkunu meħtieġa jirrieżaminaw*** il-Pjanijiet SNR ***tagħhom*** f'nofs l-implimentazzjoni, bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu, biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas ġdid identifikat, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. Fi kwalunkwe ħin matul l-implimentazzjoni u wara skambji mal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li ***jkun hemm il-possibbiltà li parti mill-pagamenti jew il-pagamenti kollha magħmula lil*** Stat Membru ***jiġu imblukkati*** jekk ***waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet*** orizzontali tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta ma jiġux issodisfati. B'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tal-proporzjonalità, id-determinazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq u l-identifikazzjoni tal-miżuri speċifiċi kkonċernati jenħtieġ li jqisu l-impatt reali jew potenzjali tan-nuqqas ta' twettiq fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif ukoll in-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu tal-ksur.

reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali kif stabbilit fl-Artikolu 19 tat-TFUE, il-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]***. Nuqqasijiet fl-istat tad-dritt, b'mod partikolari, jamplifikaw ir-riskju għall-interessi finanzjarji tal-UE peress li l-protezzjoni tagħhom tibbaża fuq ġudikatura indipendenti, korpi kontra l-frodi awtonomi, il-libertà tal-media u kontrolli tal-akkwist li jiffunzjonaw***. Għalhekk, bħala parti mill-proċess ta' ***valutazzjoni u*** validazzjoni tal-Pjanijiet SNR, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċertament dwar l-issodisfar ta' dawn ***il-kundizzjonijiet*** orizzontali, b'identifikazzjoni ta' nuqqasijiet potenzjali u azzjonijiet ta' rimedju bbażati, b'mod partikolari, fuq l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tar-rapport ***dwar l-applikazzjoni tal-Karta, ir-Rapport*** dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew***, u r-rapport dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE***, kif ukoll il-proċedimenti ta' ksur u s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. ***Dan l-aċċertament*** għandu jenħtieġ ***li jiġi vverifikat mill-Kummissjoni.*** Il-Pjanijiet SNR ***kollha jenħtieġ li jiġu ppreżentati biex jiġu rieżaminati*** f'nofs l-implimentazzjoni, bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu, biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas ġdid identifikat, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. ***Qabel il-bidu u*** fi kwalunkwe ħin matul l-implimentazzjoni u wara skambji mal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni timblokka l-pagamenti kollha jew parti minnhom*** lil Stat Membru jekk ***il-kundizzjonijiet*** orizzontali tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta ***rispettivament*** ma jiġux issodisfati. B'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tal-proporzjonalità, id-determinazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq u l-identifikazzjoni tal-miżuri speċifiċi

	kkonċernati jenħtieġ li jqisu l-impatt reali jew potenzjali tan-nuqqas ta' twettiq fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif ukoll in-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu tal-ksur.
[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj)	[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj)

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Meta l-ksur tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta jkun ta' natura sistemika u ma jkunx jista' jintrabat direttament ma' miżuri speċifiċi, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi ddeterminata firxa xierqa ta' miżuri finanzjarji meħtieġa biex jipproteġu l-baġit tal-Unjoni, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 27b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27b) L-ammonti soġġetti għal sospensjoni jew tnaqqis minħabba nuqqas ta' konformità mal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta jenħtieġ li ma jiġux riallokati għal miżuri jew prijoritajiet oħra tal-Unjoni qabel ma tiġi restawrata din il-konformità, sabiex tiġi inċentivata l-

konformità mal-Karta u tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-baġit tal-Unjoni.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 27c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27c) F'konformità mal-prinċipji tal-bilanċ istituzzjonali u tal-obbligu ta' rendikont demokratiku, il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jkun infurmat u involut b'mod xieraq fil-proċeduri relatati mal-valutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjonijiet orizzontali, inkluż permezz ta' aċċess f'waqtu għall-informazzjoni, it-trażmissjoni ta' valutazzjonijiet rilevanti u l-possibbiltà li jindika riskji ta' ksur.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda nazzjonali, l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jirċievu appoġġ jenħtieġ li jissottomettu lill-Kummissjoni Pjanijiet SNR li jkunu debitament motivati u sostanzjati. Il-Pjan SNR jenħtieġ li jiddeskrivi fid-dettall kif jirrappreżenta kontribut komprensiv għall-objettivi kollha tal-Fond, b'kont meħud tal-isfidi nazzjonali, reġjonali u territorjali speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat. Huwa jenħtieġ li jinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kif jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati, fost l-oħrajn, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni relatati mal-objettivi appoġġati mill-Fond***,*** ***u*** kif jikkontribwixxi għat-tlestija tas-suq	(30) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda nazzjonali, l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jirċievu appoġġ jenħtieġ li jissottomettu lill-Kummissjoni Pjanijiet SNR li jkunu debitament motivati u sostanzjati. Il-Pjan SNR jenħtieġ li jiddeskrivi fid-dettall kif jirrappreżenta kontribut komprensiv għall-objettivi kollha tal-Fond, b'kont meħud tal-isfidi nazzjonali, reġjonali u territorjali speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat. Huwa jenħtieġ li jinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kif jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati, fost l-oħrajn, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew***, ir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt u r-rapport dwar l-applikazzjoni tal-Karta,*** u dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni relatati mal-

intern, b'mod partikolari billi jinkludi riformi, investimenti u interventi oħra b'dimensjoni transfruntiera, tranżnazzjonali jew multinazzjonali. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni f'setturi strateġikament importanti filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ekwi ma jiġux kompromessi, il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jinkludu proġetti transfruntiera u multinazzjonali, b'mod partikolari Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) li jiffukaw jew fuq ir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni jew l-ewwel użu industrijali jew fuq il-kostruzzjoni ta' infrastruttura importanti miftuħa għall-użu minn partijiet terzi, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, l-analiżijiet ipprovduti fl-aħħar Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkonċentraw ir-riżorsi taħt il-Pjanijiet tagħhom biex inaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati. Huma jenħtieġ li jappoġġaw ukoll it-tiġdid ġenerazzjonali u l-miżuri soċjali u l-produzzjoni b'saħħitha tas-sajd u tal-akkwakultura.

objettivi appoġġati mill-Fond. ***Il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jispjegaw fid-dettall ukoll*** kif jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern, b'mod partikolari billi jinkludu riformi, investimenti u interventi oħra b'dimensjoni transfruntiera, tranżnazzjonali jew multinazzjonali ***u evidenza li turi kif jiżguraw konformità kontinwa mal-Istat tad-Dritt***. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni f'setturi strateġikament importanti filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ekwi ma jiġux kompromessi, il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jinkludu proġetti transfruntiera u multinazzjonali, b'mod partikolari Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) li jiffukaw jew fuq ir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni jew l-ewwel użu industrijali jew fuq il-kostruzzjoni ta' infrastruttura importanti miftuħa għall-użu minn partijiet terzi, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, l-analiżijiet ipprovduti fl-aħħar Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività***,*** l-Istati Membri jenħtieġ li jikkonċentraw ir-riżorsi taħt il-Pjanijiet tagħhom biex inaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati. Huma jenħtieġ li jappoġġaw ukoll it-tiġdid ġenerazzjonali u l-miżuri soċjali u l-produzzjoni b'saħħitha tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(32a) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba, komparabbiltà u valutazzjoni konsistenti tal-kostijiet stmati tal-miżuri inklużi fil-Pjanijiet SNR, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi, permezz ta' atti delegati u wara konsultazzjoni mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, metodoloġija komuni li**

għandha tiġi applikata mill-Istati Membri meta jħejju l-kostijiet totali stmati tal-miżuri taħt il-Pjanijiet tagħhom u mill-Kummissjoni meta tivvaluta dawk l-istimi.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Sabiex tiġi salvagwardjata l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni, l-appoġġ mill-Fond jenħtieġ li ma jissostitwix in-nefqa pubblika nazzjonali rikorrenti. Barra minn hekk, minħabba n-natura tal-Fond ibbażata fuq il-prestazzjoni, ir-riskju ta' finanzjament doppju jista' jirriżulta mhux biss mir-rimborż tal-istess kostijiet iżda wkoll mill-finanzjament tal-istess outputs jew riżultati taħt strumenti jew perjodi ta' programmazzjoni differenti tal-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi pprevenut il-finanzjament doppju fil-forom tiegħu kollha u jiġu żgurati arranġamenti xierqa ta' kontroll biex jiġu indirizzati dawk ir-riskji.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 50a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(50a) Sabiex jissaħħaħ l-obbligu ta' rendikont u jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jenħtieġ li arranġamenti xierqa jiżguraw rendikont tal-entrati affidabbli u komplut u traċċabbiltà sħiħa tal-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni lill-benefiċjarji, ir-riċevituri finali u l-entitajiet li jimplimentaw l-operazzjonijiet. Dan jenħtieġ li jinkludi d-disponibbiltà ta' data

li tippermetti r-rikostruzzjoni tal-katina sħiħa tat-tranżazzjonijiet, li tkopri kemm il-flussi finanzjarji kif ukoll l-ilħuq tal-istadji importanti, il-miri, l-outputs u r-riżultati.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) L-attivitajiet ta' trasparenza, informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fil-prattika u biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-fondi u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni vera, akkurata u aġġornata. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huwa meħtieġ li jiġu previsti arranġamenti xierqa għall-ġbir u r-rapportar tad-data meħtieġa għal skopijiet multipli darba biss. ***Bil-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, id-data miġbura u magħmula disponibbli għall-awditjar u l-kontroll, it-trasparenza, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, jenħtieġ li tiġi razzjonalizzata u jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' pubblikazzjoni bil-għan li tiġi żgurata trasparenza massima.***	(51) L-attivitajiet ta' trasparenza, informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fil-prattika u biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà ***sħiħa*** tal-fondi ***tal-Unjoni mill-iżborż lill-benefiċjarju finali*** u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni vera, akkurata u aġġornata***. It-tagħlimiet meħuda mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-awtorità ta' kwittanza mill-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), b'mod partikolari fir-rigward tad-divulgazzjoni limitata u inkonsistenti tar-riċevituri finali, jenħtieġ li jiġu indirizzati fit-tfassil tal-Fond.*** Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huwa meħtieġ li jiġu previsti arranġamenti xierqa għall-ġbir u r-rapportar tad-data meħtieġa għal skopijiet multipli darba biss.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji u l-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti u implimentati miżuri proporzjonati fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinterrompi l-iskadenzi għall-pagamenti, tissospendi l-	(52) ***Bil-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, id-data miġbura u magħmula disponibbli għall-awditjar u l-kontroll, it-trasparenza, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, jenħtieġ li tiġi razzjonalizzata***

pagamenti u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rispettivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi tqis in-natura, il-gravità u l-frekwenza tal-irregolaritajiet u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom għall-baġit tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(6), u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95(7), (Euratom, KE) Nru 2185/96(8) u (UE) 2017/1939(9), l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni ***u*** l-investigazzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, u, fejn ikun xieraq, l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa kompetenti biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni ***u jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' pubblikazzjoni bil-għan li tiġi żgurata trasparenza massima u skrutinju parlamentari sinifikattiv matul l-implimentazzjoni tal-Fond.*** Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji u l-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti u implimentati miżuri proporzjonati ***u effettivi*** fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinterrompi l-iskadenzi għall-pagamenti, tissospendi l-pagamenti u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rispettivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi tqis in-natura, il-gravità u l-frekwenza tal-irregolaritajiet u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom għall-baġit tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(6), u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95(7), (Euratom, KE) Nru 2185/96(8) u (UE) 2017/1939(9), ***u d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (9a),*** l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni***,*** l-investigazzjoni ***u l-prosekuzzjoni*** ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, u, fejn ikun xieraq, l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi ***u/jew kriminali***. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ***u li tiġi rrapportata kwalunkwe mġiba kriminali lill-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939***. F'konformità mar-Regolament

tagħti drittijiet ekwivalenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw malajr lill-Kummissjoni l-irregolaritajiet misjuba, u kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li jkunu ħadu fir-rigward ta' tali irregolaritajiet u fir-rigward ta' kwalunkwe investigazzjoni tal-OLAF. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE skont ir-Regolament (UE) 2017/1939 jirrapportaw ukoll lill-UPPE mingħajr dewmien żejjed kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939.

(UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa kompetenti biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw malajr lill-Kummissjoni l-irregolaritajiet misjuba, u kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li jkunu ħadu fir-rigward ta' tali irregolaritajiet u fir-rigward ta' kwalunkwe investigazzjoni tal-OLAF. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE skont ir-Regolament (UE) 2017/1939 jirrapportaw ukoll lill-UPPE mingħajr dewmien żejjed kwalunkwe mġiba kriminali li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939. ***F'konformità mal-Artikolu 129 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-OLAF, l-UPPE u l-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess sħiħ, awtomatiku u mingħajr kundizzjonijiet għad-data kollha miġbura mill-Istati Membri fil-qafas tal-Fond, inkluża d-data sottostanti kif irreġistrata fis-sistemi nazzjonali, mingħajr modifika, aggregazzjoni jew editjar minn qabel mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-Parlament Ewropew, fl-eżerċizzju tal-funzjoni ta' kwittanza tiegħu, għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvaluta l-legalità, ir-regolarità u l-prestazzjoni tal-implimentazzjoni tal-baġit***

tal-Unjoni.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Biex jitnaqqsu l-piż amministrattiv u l-kostijiet fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni kif ukoll biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-awditi u l-verifiki tal-ġestjoni tal-istess miżuri, jenħtieġ li tiġi applikata l-applikazzjoni konkreta tal-prinċipju ta' awditu uniku għall-Fond. L-awtorità tal-awditjar jenħtieġ li twettaq awditi u tiżgura li l-opinjoni tal-awditjar mogħtija lill-Kummissjoni tkun affidabbli. Dik l-opinjoni tal-awditjar jenħtieġ li tipprovdi aċċertament lill-Kummissjoni li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istat Membru jiffunzjonaw kif suppost, u li d-dikjarazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni ppreżentata mill-korp ta' koordinazzjoni huma korretti.	(53) Biex jitnaqqsu l-piż amministrattiv u l-kostijiet fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni kif ukoll biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-awditi u l-verifiki tal-ġestjoni tal-istess miżuri, jenħtieġ li tiġi applikata l-applikazzjoni konkreta tal-prinċipju ta' awditu uniku għall-Fond ***mingħajr ma jiġu kompromessi l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba***. L-awtorità tal-awditjar jenħtieġ li twettaq awditi u tiżgura li l-opinjoni tal-awditjar mogħtija lill-Kummissjoni tkun affidabbli. ***L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awditu uniku jenħtieġ li tkun soġġetta għal eċċezzjoni bbażata fuq ir-riskju, li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri jwettqu awditi addizzjonali meta l-awtorità tal-awditjar tkun identifikat nuqqas serju jew meta r-rata ta' errur residwali taqbeż il-livell limitu ta' materjalità ta' tnejn fil-mija.*** Dik l-opinjoni tal-awditjar jenħtieġ li tipprovdi aċċertament lill-Kummissjoni li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istat Membru jiffunzjonaw kif suppost, u li d-dikjarazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni ppreżentata mill-korp ta' koordinazzjoni huma korretti ***u sostanzjati permezz ta' data u evidenza verifikabbli***.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) F'konformità mal-prinċipju u r-regoli ta' ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-Pjanijiet u jagħtu aċċertament dwar l-użu legali u regolari tal-fondi tal-Unjoni. Peress li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għal tali ġestjoni u kontroll, huma jenħtieġ li jiżguraw li l-operazzjonijiet appoġġati mill-Fond jikkonformaw mal-liġi applikabbli, inklużi r-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat.	(54) F'konformità mal-prinċipju u r-regoli ta' ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-Pjanijiet u jagħtu aċċertament dwar l-użu legali u regolari tal-fondi tal-Unjoni. Peress li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għal tali ġestjoni u kontroll, huma jenħtieġ li jiżguraw li l-operazzjonijiet appoġġati mill-Fond jikkonformaw mal-liġi applikabbli, inklużi r-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat. ***In-nuqqas ta' konformità mal-liġi applikabbli jenħtieġ li jirriżulta f'konsegwenzi finanzjarji għall-Istati Membri***.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Bil-għan li jiġi żgurat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan SNR tagħhom jibqa' raġonevoli u plawżibbli matul l-implimentazzjoni tiegħu u jitolbu emenda tal-Pjan SNR tagħhom fejn ikun meħtieġ. Il-mudell ta' implimentazzjoni tal-Fond jenħtieġ li jkollu l-għan li jipprovdi prevedibbiltà u konsistenza bejn il-livelli ta' pagament u l-pass ta' implimentazzjoni individwali ta' kull miżura billi jassenja valuri ta' żborż ex ante għal kull stadju importanti u mira. Barra minn hekk, l-Istat Membru jenħtieġ li jwettaq rieżami tal-kostijiet totali stmati tar-riformi u tal-investimenti u interventi oħra koperti mill-Pjan SNR bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu b'aġġustamenti korrispondenti kull meta	(56) Bil-għan li jiġi żgurat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan SNR tagħhom jibqa' raġonevoli u plawżibbli***, u appoġġat b'verifika tal-kostijiet tal-operazzjonijiet sottostanti,*** matul l-implimentazzjoni tiegħu u jitolbu emenda tal-Pjan SNR tagħhom fejn ikun meħtieġ. Il-mudell ta' implimentazzjoni tal-Fond jenħtieġ li jkollu l-għan li jipprovdi prevedibbiltà u konsistenza bejn il-livelli ta' pagament u l-pass ta' implimentazzjoni individwali ta' kull miżura billi jassenja valuri ta' żborż ex ante għal kull stadju importanti u mira. Barra minn hekk, l-Istat Membru jenħtieġ li jwettaq rieżami tal-kostijiet totali stmati tar-riformi u tal-investimenti u interventi oħra koperti mill-Pjan SNR bħala parti mir-rieżami ta' nofs

jkun ġustifikat. Barra minn hekk, meta jissottometti l-pakkett ta' aċċertament annwali finali tiegħu għall-aħħar sena finanzjarja, l-Istat Membru jenħtieġ li jikkonferma li l-pagamenti totali mill-Kummissjoni ma jaqbżux l-ammont totali mħallas mill-Istat Membru lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-Pjan, b'kont meħud tal-kontribuzzjoni nazzjonali. Għall-istess raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***titħalla*** tirkupra ammonti mħallsa qabel għal stadji interim ta' miżura jekk l-istadju importanti jew il-mira finali tal-miżura partikolari ma tiġix issodisfata u tieħu azzjoni f'każ ta' riversjar ta' stadju importanti jew mira li jseħħ sa 5 snin wara d-data tal-pagament korrispondenti tal-Kummissjoni.

it-terminu b'aġġustamenti korrispondenti kull meta jkun ġustifikat. Barra minn hekk, meta jissottometti l-pakkett ta' aċċertament annwali finali tiegħu għall-aħħar sena finanzjarja, l-Istat Membru jenħtieġ li jikkonferma li l-pagamenti totali mill-Kummissjoni ma jaqbżux l-ammont totali mħallas mill-Istat Membru lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-Pjan, b'kont meħud tal-kontribuzzjoni nazzjonali. Għall-istess raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tkun obbligata*** tirkupra ammonti mħallsa qabel għal stadji interim ta' miżura jekk l-istadju importanti jew il-mira finali tal-miżura partikolari ma tiġix issodisfata u tieħu azzjoni f'każ ta' riversjar ta' stadju importanti jew mira li jseħħ sa 5 snin wara d-data tal-pagament korrispondenti tal-Kummissjoni.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) ***Sabiex*** il-proċeduri ***jiġu ssimplifikati*** b'mod sinifikanti u ***jitnaqqas il-piż*** amministrattiv għar-riċevituri, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ***filwaqt li jiġu pprovduti*** salvagwardji b'saħħithom dwar l-użu regolari u effettiv tal-fondi tal-Unjoni***, il-Pjanijiet*** SNR jenħtieġ li jinkorporaw miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni, kemm fit-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll fid-dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ. Tali elementi jenħtieġ li jinkludu, pereżempju, l-għoti ta' assistenza teknika u appoġġ lill-Istati Membri, il-limitazzjoni tad-duplikazzjonijiet tal-awditjar permezz tal-applikazzjoni tal-approċċ ta' awditu uniku u t-tluq mill-kontrolli tal-fatturi għal fokus fuq ir-riżultati reali. ***L-awtoritajiet*** nazzjonali tal-awditjar u l-Kummissjoni ***ma għandhomx ikunu mistennija, f'dak ir-rigward, li*** jivverifikaw il-kostijiet	(57) ***Filwaqt li jissimplifikaw*** il-proċeduri b'mod sinifikanti u ***jnaqqsu l-piż*** amministrattiv għar-riċevituri, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ***jenħtieġ li jipprovdu*** salvagwardji b'saħħithom dwar l-użu ***legali,*** regolari***, finanzjarjament tajjeb*** u effettiv tal-fondi tal-Unjoni***, u l-Pjanijiet*** SNR jenħtieġ li jinkorporaw miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni, kemm fit-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll fid-dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ. Tali elementi jenħtieġ li jinkludu, pereżempju, l-għoti ta' assistenza teknika u appoġġ lill-Istati Membri, il-limitazzjoni tad-duplikazzjonijiet tal-awditjar permezz tal-applikazzjoni tal-approċċ ta' awditu uniku u t-tluq mill-kontrolli tal-fatturi għal fokus fuq ir-riżultati reali***, filwaqt li jiġi żgurat rendikont tal-entrati komplut. Ir-rendikonti tal-entrati kompluti jenħtieġ li***

sottostanti tal-operazzjonijiet ***għall-fini tax-xogħol tal-awditjar*** tagħhom. Bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li tiġi pprovduta assistenza teknika matul l-implimentazzjoni permezz ta' rata fissa applikabbli għall-pagamenti kollha. Il-Fond jenħtieġ li jipprevedi wkoll flessibbiltà suffiċjenti, kemm jekk permezz ta' proċeduri simplifikati għall-emendi tal-Pjanijiet kif ukoll permezz ta' reattività aħjar għal kriżijiet mhux previsti permezz ta' mekkaniżmi multipli li jippermettu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi għal tali avvenimenti, bħar-reviżjoni tal-Pjan, l-ammont ta' flessibbiltà jew l-aċċess għall-Faċilità. Il-Fond jenħtieġ li jippermetti wkoll lill-Istati Membri jiddeċiedu huma stess liema stadji importanti u miri jenħtieġ li jiġu ppreżentati f'kull applikazzjoni għall-pagament abbażi tal-pass rispettiv tagħhom ta' implimentazzjoni. Bil-għan li jiġu żgurati żborżi regolari u t-twettiq f'waqtu tal-objettivi tal-Unjoni fuq il-post, regola ta' diżimpenn annwali jenħtieġ li tiżgura li l-Istati Membri jissottomettu applikazzjonijiet regolari għall-pagament għal ammonti sostanzjali b'mod suffiċjenti.

jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar ***u dawk ta' ġestjoni***, u l-Kummissjoni jivverifikaw il-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet ***kif ukoll il-konformità*** tagħhom ***mal-liġi applikabbli***. Bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li tiġi pprovduta assistenza teknika matul l-implimentazzjoni permezz ta' rata fissa applikabbli għall-pagamenti kollha. Il-Fond jenħtieġ li jipprevedi wkoll flessibbiltà suffiċjenti, kemm jekk permezz ta' proċeduri simplifikati għall-emendi tal-Pjanijiet kif ukoll permezz ta' reattività aħjar għal kriżijiet mhux previsti permezz ta' mekkaniżmi multipli li jippermettu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi għal tali avvenimenti, bħar-reviżjoni tal-Pjan, l-ammont ta' flessibbiltà jew l-aċċess għall-Faċilità. Il-Fond jenħtieġ li jippermetti wkoll lill-Istati Membri jiddeċiedu huma stess liema stadji importanti u miri jenħtieġ li jiġu ppreżentati f'kull applikazzjoni għall-pagament abbażi tal-pass rispettiv tagħhom ta' implimentazzjoni. Bil-għan li jiġu żgurati żborżi regolari u t-twettiq f'waqtu tal-objettivi tal-Unjoni fuq il-post, regola ta' diżimpenn annwali jenħtieġ li tiżgura li l-Istati Membri jissottomettu applikazzjonijiet regolari għall-pagament għal ammonti sostanzjali b'mod suffiċjenti.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 57a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(57a) Il-miżuri ta' simplifikazzjoni u aċċellerazzjoni previsti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jnaqqsux it-trasparenza, it-trattament ugwali jew il-livell ta' protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu akkumpanjati minn salvagwardji proporzjonati, inklużi arranġamenti tal-awditjar u l-kontroll xierqa, informazzjoni affidabbli dwar il-prestazzjoni u

	metodoloġiji ċari għal pagamenti parzjali, tnaqqis, sospensjonijiet u rkupri meta ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet għall-pagament.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Il-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023[4] isegwi objettivi simili u jappoġġa azzjonijiet simili fi skeda ta' żmien ta' implimentazzjoni komparabbli. Għalhekk, il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima jenħtieġ li jiġu integrati fil-Pjanijiet SNR mill-2028 'il quddiem. Dan huwa mistenni li jippermetti użu aktar effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni u jappoġġa twettiq aktar effettiv u koerenti tal-objettivi tal-Fond. Dan jevita li jitħaddmu sistemi u proċessi simili b'mod parallel u b'hekk iġib benefiċċji ċari f'termini ta' ppjanar imtejjeb tal-politika, konsistenza tal-politika u sforzi ta' simplifikazzjoni. Għandu jiżgura wkoll l-applikazzjoni ta' regoli komuni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett għall-istat tad-dritt u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-allokazzjonijiet kurrenti tal-Istati Membri taħt il-Fond Soċjali għall-Klima jkomplu japplikaw. Is-sinerġiji bejn l-investimenti eżistenti u futuri taħt il-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-miżuri tal-Pjanijiet jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti wkoll permezz ta' programmazzjoni kkoordinata bil-ħsieb li jiġu żgurati komplementarjetà u koerenza tal-politika aħjar bejn il-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi allokati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni.	(58) Il-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023[4] isegwi objettivi simili u jappoġġa azzjonijiet simili fi skeda ta' żmien ta' implimentazzjoni komparabbli. Għalhekk, il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima jenħtieġ li jiġu integrati fil-Pjanijiet SNR mill-2028 'il quddiem. Dan huwa mistenni li jippermetti użu aktar effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni u jappoġġa twettiq aktar effettiv u koerenti tal-objettivi tal-Fond. Dan jevita li jitħaddmu sistemi u proċessi simili b'mod parallel u b'hekk iġib benefiċċji ċari f'termini ta' ppjanar imtejjeb tal-politika, konsistenza tal-politika u sforzi ta' simplifikazzjoni. Għandu jiżgura wkoll l-applikazzjoni ta' regoli komuni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett għall-istat tad-dritt u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE*** filwaqt li l-allokazzjonijiet kurrenti tal-Istati Membri taħt il-Fond Soċjali għall-Klima jkomplu japplikaw. Is-sinerġiji bejn l-investimenti eżistenti u futuri taħt il-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-miżuri tal-Pjanijiet jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti wkoll permezz ta' programmazzjoni kkoordinata bil-ħsieb li jiġu żgurati komplementarjetà u koerenza tal-politika aħjar bejn il-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi allokati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni.

[4] Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1).

[4] Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1).

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 60a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(60a) Sabiex jiġu żgurati sorveljanza demokratika xierqa, trasparenza u skrutinju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq deċiżjonijiet b'implikazzjonijiet baġitarji sinifikanti għall-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati għall-approvazzjoni u l-emenda tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. Din is-setgħa jenħtieġ li tiġi delegata wkoll lill-Kummissjoni biex tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "liġi applikabbli" tfisser id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata ***direttament*** mal-applikazzjoni tiegħu;	(1) "liġi applikabbli" tfisser id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tiegħu;

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "riċevitur" tfisser entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha, jew persuna fiżika, ***li ma tkunx*** parteċipant***, li tirċievi*** riżorsi mill-baġit tal-Unjoni permezz ta' benefiċjarju;	(5) "riċevitur" tfisser entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha, jew persuna fiżika, ***għajr*** parteċipant ***u li de facto tirċievi,*** riżorsi mill-baġit tal-Unjoni permezz ta' benefiċjarju***. Fil-każ ta' implimentazzjoni kuntrattwali, kuntrattur jew sottokuntrattur għandu jitqies bħala riċevitur finali meta fl-aħħar mill-aħħar jirċievi finanzjament tal-Unjoni għall-eżekuzzjoni tal-operazzjoni appoġġata***;

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "riċevitur finali" tfisser entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha jew persuna fiżika ***li ma tkunx*** parteċipant, li tirċievi appoġġ taħt strument finanzjarju u li tinftiehem bħala riċevitur għall-finijiet tal-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;	(6) "riċevitur finali" tfisser entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha jew persuna fiżika ***għajr*** parteċipant, li tirċievi appoġġ taħt strument finanzjarju u li tinftiehem bħala riċevitur għall-finijiet tal-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509; ***Fil-każ ta' implimentazzjoni kuntrattwali, kuntrattur jew sottokuntrattur għandu jitqies bħala riċevitur finali meta fl-aħħar mill-aħħar jirċievi finanzjament tal-Unjoni għall-eżekuzzjoni tal-operazzjoni appoġġata;***

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "stadju importanti" tfisser kisba kwalitattiva użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta' miżura;	(10) "stadju importanti" tfisser kisba kwalitattiva ***speċifika, li tista' titkejjel, marbuta mal-ħin u li tista' tiġi vverifikata b'mod indipendenti,*** użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta' miżura;

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) "irregolarità" tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni ***billi*** jirċievi ***rimborż*** mhux ***ġustifikat ibbażat fuq*** stadji importanti, miri ***u*** riżultati għal dak il-baġit;	(34) "irregolarità" tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli***, li jirriżulta minn att jew ommissjoni mill-awtoritajiet nazzjonali u/jew mill-operaturi ekonomiċi involuti fl-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra involuta fl-implimentazzjoni tal-Fond***, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni***, inkluż permezz tar-riċevuta ta' rimborżi u pagamenti mhux dovuti, l-impożizzjoni u ż-żamma ta' nefqa*** mhux ***ġustifikata, jew permezz tat-twettiq, ir-rapportar jew il-verifika mhux korretta ta'*** stadji importanti, miri ***u/jew*** riżultati għal dak il-baġit;

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 34a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) "finanzjament doppju" tfisser kwalunkwe każ meta l-istess kost sottostanti ta' stadju importanti jew mira jiġi ffinanzjat darbtejn u/jew meta l-istess outputs/riżultati jiġu ddikjarati darbtejn;

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 34b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34b) "operatur ekonomiku" tfisser

kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew entità oħra li tieħu sehem fl-implimentazzjoni ta' assistenza mill-pjan nazzjonali, għajr Stat Membru li jeżerċita l-prerogattivi tiegħu bħala awtorità pubblika[1a];

[1a] Kif stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fost l-oħrajn fil-Kawża C-175/23 Obshtina Svishtov, il-korpi pubbliċi li jirċievu u jimplimentaw finanzjament tal-Unjoni għandhom jitqiesu bħala "operaturi ekonomiċi" għall-finijiet tal-kunċett ta' irregolarità.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ifasslu l-miżuri fil-Pjan SNR u l-Pjan Interreg b'mod li ***jiżgura*** r-rispett ta'	L-Istati Membri għandhom ifasslu l-miżuri fil-Pjan SNR u l-Pjan Interreg b'mod li ***jiggarantixxi*** r-rispett ta'

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(b) id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, inklużi d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà***.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 9a (ġdid) ta' dan ir-Regolament.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jirrispettaw dawk id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet rispettivi tagħhom.	L-Istati Membri għandhom jirrispettaw dawk id-drittijiet, il-libertajiet***, l-obbligi*** u l-prinċipji matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet rispettivi tagħhom.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-appoġġ mill-Fond għandu jkun addizzjonali għall-finanzjament pubbliku nazzjonali.	4 L-appoġġ mill-Fond għandu jkun addizzjonali għall-finanzjament pubbliku nazzjonali ***u ma għandux jissostitwixxi n-nefqa baġitarja rikorrenti nazzjonali***. ***L-Istati Membri għandhom juru konformità ma' dan il-prinċipju fil-Pjanijiet tagħhom, f'kull applikazzjoni għall-pagament u fil-pakkett ta' aċċertament annwali.***

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operazzjonijiet jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni dment li tali appoġġ ***u l-istadji***	***L-appoġġ taħt il-Fond għandu jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt programmi u strumenti oħra tal-Unjoni, u***

importanti u l-miri li jirriżultaw f'pagamenti ma jkoprux l-istess ***kostijiet. Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu***, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ***jikkooperaw fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet li huma ffinanzjati b'mod kumulattiv taħt il-Pjan u programm ieħor tal-Unjoni bil-għan li jiġi evitat*** finanzjament doppju.	***mhux jissostitwih jew jidduplikah. Il-miżuri*** jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni dment li tali appoġġ ***ma jiffinanzjax*** l-istess ***kost, output/riżultat, jew stadju importanti jew mira, inkluż f'perjodi ta' programmazzjoni differenti. Għal dak il-fini***, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ***jiżguraw li*** l-finanzjament doppju ***jiġi pprevenut, identifikat u kkoreġut, inkluż meta l-operazzjonijiet jikkoinċidu bejn il-perjodi ta' programmazzjoni***. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kontroverifiki sistematiċi ex ante u ex post fuq l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti kollha tal-Unjoni, inklużi s-self fil-qafas ta' Catalyst Europe, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, abbażi ta' sistemi tal-IT interoperabbli. Meta l-miżuri jiġu stmati li ma jkollhom l-ebda kost iffinanzjat mill-Fond ("miżuri ta' kost żero"), l-Istati Membri xorta waħda għandhom japplikaw l-istess kontroverifiki kontra l-finanzjament doppju bħall-miżuri ffinanzjati.***

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kontroll effettivi u proporzjonati biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-finanzjament doppju, inklużi kemm duplikazzjonijiet ibbażati fuq il-kostijiet kif ukoll duplikazzjonijiet ibbażati fuq l-output, u filwaqt li jitqiesu r-riskji li jirriżultaw mill-appoġġ ipprovdut taħt programmi u perjodi ta' programmazzjoni differenti tal-Unjoni.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità tal-miżuri appoġġati mill-Pjanijiet tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea matul l-implimentazzjoni tal-Fond ("kundizzjoni orizzontali tal-Karta").	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità tal-miżuri appoġġati mill-Pjanijiet tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, inklużi d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà,*** matul l-implimentazzjoni tal-Fond ("kundizzjoni orizzontali tal-Karta").

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom jipprovdu valutazzjoni ta' ***dawk il-mekkaniżmi***, f'konformità mal-Artikolu 22(2), il-punt (q) [rekwiżiti għall-Pjan SNR] u jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta.	Huma għandhom jipprovdu valutazzjoni ta' ***din il-konformità***, f'konformità mal-Artikolu 22(2), il-punt (q) [rekwiżiti għall-Pjan SNR] u jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta. ***Il-kundizzjoni tiġi ssodisfata meta jintlaħqu l-kriterji kollha relatati. Il-Kummissjoni għandha toħroġ u taġġorna b'mod regolari linji gwida għall-valutazzjoni tal-konformità mad-drittijiet fundamentali u għandha tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva.***

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-Kummissjoni tqis li Stat Membru ma jissodisfax jew ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta, kif previst fil-paragrafu 1, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bil-valutazzjoni tagħha, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru kkonċernat fil-Pjan SNR tiegħu, bi tweġiba għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, u b'kont meħud tal-informazzjoni rilevanti, inklużi ***r-rapporti*** speċifiċi għall-pajjiż dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew.	2. Fejn il-Kummissjoni tqis li Stat Membru ma jissodisfax jew ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta, kif previst fil-paragrafu 1, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bil-valutazzjoni tagħha, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru kkonċernat fil-Pjan SNR tiegħu, bi tweġiba għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, u b'kont meħud tal-informazzjoni rilevanti, inklużi i***r-rapport dwar l-applikazzjoni tal-Karta, ir-rapporti*** speċifiċi għall-pajjiż dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew***, kif ukoll id-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja***.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Parlament Ewropew, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu, jista' jitlob lill-Kummissjoni tiddetermina jekk hemmx riskju ċar ta' ksur tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kwistjoni mingħajr dewmien żejjed u tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-valutazzjoni tagħha.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta ma ġietx issodisfata, hija għandha tadotta deċiżjoni	Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta ma ġietx issodisfata, hija għandha tadotta deċiżjoni

ta’ implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta’ ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR affettwati min-nuqqas ta’ ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 3.	ta’ implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta’ ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR affettwati ***jew potenzjalment affettwati*** min-nuqqas ta’ ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 3. ***Il-miżuri għandhom, sa fejn ikun possibbli, jagħtu prijorità lill-azzjonijiet tal-Unjoni affettwati mill-ksur.***

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas ***b’mod proporzjonat*** il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tal-Istat Membru fir-rigward tal-miżuri speċifiċi kkonċernati jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta’ self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta’ self, meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx tħassret fi żmien sena mill-adozzjoni tagħha.	7. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tal-Istat Membru fir-rigward tal-miżuri speċifiċi kkonċernati jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta’ self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta’ self, meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx tħassret fi żmien sena mill-adozzjoni tagħha.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-ammonti soġġetti għal sospensjoni jew tnaqqis skont dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu riallokati għal miżuri jew prijoritajiet oħra tal-Unjoni sakemm tiġi żgurata konformità sħiħa mal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk il-ksur identifikat mill-Kummissjoni jista' jikkostitwixxi wkoll ksur tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt, il-proċedura tal-Artikolu 9 għandha tiġi attivata bi prijorità.	***imħassar***

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew bi kwalunkwe deċiżjoni proposta, adottata, emendata jew imħassra skont il-paragrafi 4 u 6. u għandha tibgħat il-valutazzjoni tagħha u d-dokumenti ta' sostenn rilevanti lill-Parlament Ewropew.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament u lill-Kunsill infurmati dwar l-iskambji u l-korrispondenza kollha mal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari dawk identifikati fil-paragrafi 1, 2, 3, 4, 6, 7 ta' dan l-Artikolu u għandha tipprovdi, fuq talba, l-iskambji u d-dokumenti ta' korrispondenza kollha lill-Parlament u l-Kunsill.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett ***tal-prinċipji*** tal-istat tad-dritt kif ***stabbiliti*** fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 matul l-implimentazzjoni tal-Fond (il-"kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt"). Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar ta' dik il-kundizzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett ***tal-prinċipju*** tal-istat tad-dritt kif ***stabbilit*** fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 matul l-implimentazzjoni tal-Fond (il-"kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt"). Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar ta' dik il-kundizzjoni. ***Il-Kummissjoni għandha toħroġ u taġġorna b'mod regolari linji gwida għall-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tal-istat tad-dritt u għandha tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva. Il-kundizzjoni għandha titqies li ġiet issodisfata meta jintlaħqu l-kriterji kollha relatati. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina din il-valutazzjoni qabel ma tapprova l-Pjan SNR.***

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Parlament Ewropew, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu, jista' jitlob lill-Kummissjoni tiddetermina jekk hemmx riskju ċar ta' ksur tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kwistjoni mingħajr dewmien żejjed u tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-valutazzjoni tagħha.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt ma tkunx issodisfata, hija għandha ***tipproponi lill-Kunsill deċiżjoni ta' implimentazzjoni*** li ***tiddetermina*** n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt ***u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar***, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 4.	Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt ma tkunx issodisfata, hija għandha ***tadotta att delegat*** li ***jiddetermina*** n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 4. ***Kwalunkwe valutazzjoni bħal din għandha tinkludi rabta suffiċjentement diretta u li tista' tintwera mal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.***

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni	***imħassar***

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istat Membru jista' jissottometti applikazzjonijiet għall-pagament ***għall-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4***, iżda l-Kummissjoni ma ***għandhiex*** tagħmel ***il-pagamenti korrispondenti*** sakemm il-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt tkun ġiet issodisfata.	5. L-Istat Membru jista' jissottometti applikazzjonijiet għall-pagament, iżda l-Kummissjoni ma ***għandha*** tagħmel ***l-ebda pagament skont dan ir-Regolament lill-Istat Membru kkonċernat*** sakemm il-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt tkun ġiet issodisfata.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni malli jqis li ***l-ksur tal-kundizzjoni*** orizzontali tal-istat tad-dritt ***ikun ġie rimedjat***. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha. ***Jekk il-Kummissjoni*** tqis li ***l-ksur ikun ġie rimedjat b'mod sħiħ***, hija għandha ***tipproponi lill-Kunsill biex iħassar d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-ksur ikun ġie rimedjat parzjalment, hija għandha tipproponi lill-Kunsill biex jemenda d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 kif xieraq***. Il-Kunsill ***għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni*** fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni ***tal-proposta tal-Kummissjoni***.	6. L-Istat Membru ***kkonċernat*** għandu jinforma lill-Kummissjoni malli jqis li ***l-kundizzjoni*** orizzontali tal-istat tad-dritt tkun ġiet ***issodisfata***. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha. ***Meta l-Kummissjoni*** tqis li ***l-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt tkun ġiet issodisfata***, hija għandha ***tadotta att delegat***. Il-Kunsill ***u l-Parlament jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat*** fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni ***tiegħu***.

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tal-Istat Membru fir-rigward tal-miżuri speċifiċi tal-Pjan ikkonċernat jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx tħassret [fi żmien sena [waħda] mill-adozzjoni tagħha].	7. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tal-Istat Membru fir-rigward tal-miżuri speċifiċi tal-Pjan ikkonċernat jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx tħassret [fi żmien sena [waħda] mill-adozzjoni tagħha]. ***jew tikkunsidra li tapplika l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/2092 [kundizzjonalità] b'mod partikolari fir-rigward tal-impenji.***

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-fondi soġġetti għad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 la għandhom jiġu riprogrammati u lanqas ma għandhom jiġu ttrasferiti lil objettivi jew strumenti oħra tal-Unjoni mill-Istati Membri.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew bi kwalunkwe deċiżjoni proposta, adottata, emendata jew imħassra skont il-paragrafi 4 u 6.	8. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew bi kwalunkwe deċiżjoni proposta, adottata, emendata jew imħassra skont il-paragrafi 4 u 6 ***u għandha tibgħat il-valutazzjoni tagħha u d-dokumenti ta' sostenn rilevanti lill-Parlament Ewropew***.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament u lill-Kunsill infurmati dwar l-iskambji u l-korrispondenza kollha mal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari dawk identifikati fil-paragrafi 1, 2, 3, 4, 6, 7 ta' dan l-Artikolu u għandha tipprovdi, fuq talba, l-iskambji u d-dokumenti ta' korrispondenza kollha lill-Parlament u l-Kunsill.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni – kundizzjoni orizzontali
	1. Fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-fondi b'rabta mal-miżuri appoġġati mill-pjanijiet SNR ikun konformi mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità mal-acquis tal-Unjoni essenzjali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jżommu sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u l-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball jew użati ħażin. L-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-baġit nazzjonali regolari tagħhom.
	2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu valutazzjoni ta' dawk il-mekkaniżmi fil-Pjanijiet tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 22(2), il-punt (k), u l-Anness IV, u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.
	3. Meta l-Kummissjoni tqis li Stat Membru ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjoni orizzontali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, kif previst fil-paragrafi 1 u 2, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bil-valutazzjoni tagħha. Dik

il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru u għandha tqis l-informazzjoni rilevanti, inkluż ir-rapport annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (ir-rapport PIF) u n-notifiki mill-UPPE.

4. L-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu u l-miżuri ta' rimedju, fi żmien xahrejn wara n-notifika skont il-paragrafu 3.

5. Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali dwar l-interessi finanzjarji tal-EU ma ġietx issodisfata, għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 5.

6. Għal dak il-fini, għandhom jitqiesu l-aspetti li ġejjin:

(a) l-impatt reali jew potenzjali fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(b) in-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu.

7. L-Istat Membru jista' jissottometti applikazzjonijiet għall-pagament għall-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 5, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-pagamenti korrispondenti sakemm il-kundizzjoni orizzontali dwar l-interessi finanzjarji tal-EU tkun ġiet issodisfata fir-rigward ta' dawk il-miżuri.

8. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni malli jqis li l-kundizzjoni orizzontali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE tkun ġiet issodisfata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha. Meta l-Kummissjoni tqis li l-kundizzjoni

orizzontali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE tkun ġiet issodisfata, hija għandha tħassar id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 5. Meta l-Kummissjoni ma taqbilx, għandha tinforma lill-Istat Membru b'dan u tistabbilixxi l-valutazzjoni tagħha.

9. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni lill-Istat Membru fir-rigward tal-miżuri speċifiċi kkonċernati jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 5 ma tkunx tħassret fi żmien sena mill-adozzjoni tagħha.

10. Il-Kummissjoni għandha tinkludi, fir-rapport annwali tagħha adottat skont l-Artikolu 325(5) tat-TFUE, taqsima dedikata dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-diżimpenji f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 u ***l-Artikoli 8 [Karta] u 9 [kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt]*** ta' dan ir-Regolament ***jistgħu jerġgħu jsiru*** disponibbli għall-użu taħt strumenti jew programmi oħra tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-demokrazija tal-Ewropa, is-soċjetà ċivili, il-valuri tal-Unjoni jew il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.	4. ***Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja, il-Kummissjoni għandha tipproponi li tagħmel*** l-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-diżimpenji f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 u ***l-kundizzjonijiet orizzontali msemmija fl-Artikolu 7*** ta' dan ir-Regolament, disponibbli ***mill-ġdid taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà kif imsemmi fl-Artikolu X tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [Regolament QFP]*** għall-użu taħt strumenti jew programmi oħra tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-

	demokrazija tal-Ewropa, is-soċjetà ċivili, il-valuri tal-Unjoni jew il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. ***Tali approprjazzjonijiet għandhom tal-inqas jilħqu parzjalment lir-riċevituri jew lill-benefiċjarji finali mill-Istati Membri li fir-rigward tagħhom ikun seħħ id-diżimpenn.***

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiżgura li l-interruzzjoni tal-iskadenzi għall-pagamenti, is-sospensjoni tal-pagamenti, il-korrezzjonijiet finanzjarji jew miżuri oħra li jipproteġu l-baġit tal-Unjoni ma jirriżultawx f'dewmien żejjed jew nuqqas ta' pagament lill-benefiċjarji, lir-riċevituri, lir-riċevituri finali, lill-kuntratturi jew lill-parteċipanti li jkunu kkonformaw mal-kundizzjonijiet applikabbli għall-appoġġ.

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) fir-Rapport dwar l-applikazzjoni tal-Karta

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – punt iiib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiib) fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – punt iiic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiic) fir-rapport dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda kontra l-frodi, u d-dokumenti ta' akkumpanjament, b'mod partikolari dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-Frodi u l-valutazzjonijiet ta' akkumpanjament dwar l-Istrateġiji Nazzjonali kontra l-Frodi.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jipprovdi l-lista u d-deskrizzjoni tal-miżuri miġbura f'kapitoli, inklużi l-objettivi ġenerali u speċifiċi li kull waħda minnhom issegwi primarjament u l-lista tal-istadji importanti u l-miri previsti, bid-data indikattiva tat-tlestija tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni, inklużi l-miżuri addizzjonali u l-istadji importanti u l-miri relatati f'każ li l-Istat Membru kkonċernat jitlob appoġġ fil-forma ta' self. Il-miżuri marbuta mal-PAK għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu V [PAK] u r-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u r-Regolament (UE) 202X/XXXX [OKS] u dawk marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [PKS]. L-indikaturi proposti għall-miri għandhom ikunu bbażati fuq l-indikaturi tal-output elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] ***ħlief fejn ikun debitament***	(c) jipprovdi l-lista u d-deskrizzjoni tal-miżuri miġbura f'kapitoli, inklużi l-objettivi ġenerali u speċifiċi li kull waħda minnhom issegwi primarjament u l-lista tal-istadji importanti u l-miri previsti, bid-data indikattiva tat-tlestija tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni, inklużi l-miżuri addizzjonali u l-istadji importanti u l-miri relatati f'każ li l-Istat Membru kkonċernat jitlob appoġġ fil-forma ta' self***. L-istadji importanti u l-miri għandhom ikunu speċifiċi, jistgħu jitkejlu, jistgħu jiġu vverifikati u marbuta direttament mal-outputs mistennija u, fejn rilevanti, ir-riżultati tal-miżura. L-istadji importanti u l-miri li jikkonsistu biss f'passi proċedurali jew amministrattivi ma għandhomx jiskattaw pagamenti sakemm ma jkunux meħtieġa, proporzjonati u marbuta b'mod ċar mat-twassil ta' outputs jew riżultati tanġibbli***. Il-miżuri marbuta mal-PAK għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu V [PAK] u r-Regolament (UE)

ġustifikat;	202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u r-Regolament (UE) 202X/XXXX [OKS] u dawk marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [PKS]. L-indikaturi proposti għall-miri għandhom ikunu bbażati fuq l-indikaturi tal-output elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni];

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jistabbilixxi l-kostijiet totali stmati tal-miżuri f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness V, bħala parti mill-Pjan jew minn talba għall-emenda tiegħu, għal ammont totali mill-inqas ekwivalenti għas-somma tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, kwalunkwe self mitlub, u kontribuzzjoni nazzjonali, flimkien ma' informazzjoni dwar il-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni fejn rilevanti, appoġġat minn ġustifikazzjoni xierqa u minn spjegazzjonijiet ta' kif huwa plawżibbli u raġonevoli u f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza, ġestjoni finanzjarja tajba u proporzjonat għall-impatt ekonomiku u soċjali mistenni. L-ammont mhux ipprogrammat imwarrab bħala ammont ta' flessibbiltà għandu jitqies bħala parti mill-kostijiet totali stmati tal-miżuri;	(d) jistabbilixxi l-kostijiet totali stmati tal-miżuri f'konformità ***mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 3a u*** mal-mudell stabbilit fl-Anness V, bħala parti mill-Pjan jew minn talba għall-emenda tiegħu, għal ammont totali mill-inqas ekwivalenti għas-somma tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, kwalunkwe self mitlub, u kontribuzzjoni nazzjonali, flimkien ma' informazzjoni dwar il-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni fejn rilevanti, appoġġat minn ġustifikazzjoni xierqa u minn spjegazzjonijiet ta' kif huwa plawżibbli u raġonevoli u f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza, ġestjoni finanzjarja tajba u proporzjonat għall-impatt ekonomiku u soċjali mistenni. L-ammont mhux ipprogrammat imwarrab bħala ammont ta' flessibbiltà għandu jitqies bħala parti mill-kostijiet totali stmati tal-miżuri;

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jiżgura li l-kost totali stmat tal-Pjan huwa raġonevoli u huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni;

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) jistabbilixxi arranġamenti ċari biex jipprevjeni, jidentifika u jirrettifika l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti taħt il-PSNR, inklużi l-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw finanzjament doppju;

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) jispjega kif is-sistema u l-arranġamenti tal-Istat Membru huma suffiċjenti biex jiżguraw użu regolari, effettiv u effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni, f'konformità mal-ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, abbażi tar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin], flimkien ma' miżuri biex jiġu indirizzati nuqqasijiet potenzjali;	(k) jispjega kif is-sistema u l-arranġamenti tal-Istat Membru huma suffiċjenti biex jiżguraw użu regolari, effettiv u effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni, f'konformità mal-ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ***f'konformità mal-Artikolu 9a (ġdid) u*** abbażi tar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin], flimkien ma' miżuri biex jiġu indirizzati nuqqasijiet potenzjali; ***L-Istat Membru għandu jkun meħtieġ li jipprovdi konferma tar-reġistrazzjoni tad-data u l-użu sħiħ tas-sistema msemmija fl-Artikolu 36(2) tar-Regolament Finanzjarju;***

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) jipprovdi awtovalutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta msemmija fl-Artikolu 8 [Artikolu tal-Karta];	(o) jipprovdi awtovalutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta msemmija fl-Artikolu 8 [Artikolu tal-Karta] ***li għandha tiġi vverifikata mill-Kummissjoni***;

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) ***jispeċifika l-mod li bih il-Pjan*** u l-implimentazzjoni prevista tiegħu jiżguraw ir-rispett tal-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt imsemmija fl-Artikolu 9 [kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt], inkluż is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa fil-qafas tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew, flimkien ma' miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi identifikati speċifiċi għall-pajjiż.	(p) ***jipprovdi biżżejjed evidenza li l-Pjan*** u l-implimentazzjoni prevista tiegħu jiżguraw ir-rispett tal-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt imsemmija fl-Artikolu 9 [kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt], inkluż is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa fil-qafas tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew, flimkien ma' miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi identifikati speċifiċi għall-pajjiż.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt ra (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ra) jiġi abbozzat abbażi ta' involviment sinifikattiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab ekonomiċi u soċjali, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, f'konformità mal-Prinċipju tas-

Sħubija u l-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubijiet.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jistabbilixxi l-metodoloġija li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri meta jħejju l-kostijiet stmati totali tal-miżuri skont il-Pjanijiet tagħhom kif imsemmi fil-paragrafu 2d, u l-metodoloġija li għandha tiġi applikata mill-Kummissjoni biex tivverifika dawn l-istimi. Il-metodoloġija għandha tiżgura li l-istimi tal-kostijiet ikunu evidenzjati, plawżibbli, komparabbli bejn l-Istati Membri, u protetti minn valwazzjonijiet minfuħa jew mhux ġustifikati ta' miżuri simili, u għandha tipprevedi rivalutazzjoni perjodika matul l-implimentazzjoni. Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet stmati għandha tibbaża, għall-finijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, fuq data storika vverifikata, jew fejn ma tkunx disponibbli, data statistika, diżaggregazzjoni tal-kostijiet ibbażata fuq il-kwantitajiet u l-prezzijiet unitarji, prattiki kontabilistiċi tal-kostijiet u valutazzjoni komparattiv mal-prezzijiet tas-suq jew miżuri komparabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tkun dokumentata b'mod suffiċjenti biex tippermetti l-verifika u l-awditjar. ***Fit-tħejjija tal-metodoloġiji, il-Kummissjoni tista' tiġi appoġġata minn esperti rilevanti, inkluż, fejn xieraq, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-obbligu ta' rapportar dwar il-kostijiet unitarji jew totali, kif rilevanti, tal-attivitajiet appoġġati meta jiġi applikat finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, toħloq għodda ta' valutazzjoni komparattiva tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet li jenħtieġ li tiġbor u tqabbel il-kostijiet unitarji tal-istadji importanti u l-miri.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta tal-Kummissjoni ***u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill***	Proposta tal-Kummissjoni ***għal att delegat***

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan jew il-Pjan emendat ippreżentat mill-Istat Membru u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament fi żmien 4 xhur mis-sottomissjoni tiegħu u ***tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill***. Meta twettaq il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Pjan SNR jikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-Artikolu 22.	1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan ***inizjali*** jew il-Pjan emendat ippreżentat mill-Istat Membru u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament fi żmien 4 xhur mis-sottomissjoni tiegħu u ***tadotta att delegat***. Meta twettaq il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Pjan SNR jikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-Artikolu 22.

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jistabbilixxi metodoloġija standardizzata li għandha tiġi applikata minnha fil-valutazzjoni ta' kull Pjan jew Pjan emendat ippreżentat mill-Istati Membri kif imsemmi fil-paragrafu 1, li għandu jispeċifika mill-inqas:
	(a) il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat l-ammont tal-appoġġ;
	(b) il-kundizzjonijiet oġġettivament verifikabbli li jiskattaw il-pagament;
	(c) il-proċedura għall-verifika tal-issodisfar, inkluż, fejn xieraq, verifika indipendenti;
	(d) il-konsegwenzi ta' ssodisfar parzjali jew nuqqas ta' ssodisfar, inkluż tnaqqis proporzjonat, sospensjonijiet u rkupri, meta jkun applikabbli.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Fejn il-Pjan*** ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmija ***fil-paragrafu 1***, il-Kummissjoni għandha tikkomunika raġunament debitament ġustifikat lill-Istat Membru kkonċernat sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1.	3. ***Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Pjan*** ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmija ***fl-Artikolu 22***, il-Kummissjoni ***għandha tagħti valutazzjoni negattiva u*** għandha tikkomunika raġunament debitament ġustifikat lill-Istat Membru kkonċernat sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1.

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***il-lista*** ta' miżuri koperti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni u s-self li jinsabu fil-Pjan SNR;	(c) ***id-deskrizzjoni u l-lista*** ta' miżuri koperti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni u s-self li jinsabu fil-Pjan SNR;

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-istadji importanti u l-miri għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri, għal kull waħda minnhom, il-valur tal-ħlas, u l-limitu ta' żmien sa fejn għandhom jitlestew l-istadji importanti u l-miri finali;

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni tal-Pjan, inklużi l-miżuri għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji;

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) il-kontribuzzjoni tal-Unjoni kull sena, ibbażata fuq il-perċentwali stabbiliti fl-Artikolu 14(1) [impenji];

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***F'każijiet debitament ġustifikati,*** fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li miżura waħda jew aktar tal-Pjan ma tikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, u li talba korrispondenti magħmula f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, ma tkunx ġiet indirizzata b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri, hija ***tista' tinkludi fil-proposta tal-Kummissjoni msemmija*** fil-paragrafu 4 identifikazzjoni tan-nuqqasijiet ***li jaffettwaw dawk il-miżuri***.	5. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li miżura waħda jew aktar tal-Pjan ma tikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, u li talba korrispondenti magħmula f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, ma tkunx ġiet indirizzata b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri, hija ***ma għandhiex tagħmel proposta kif imsemmija*** fil-paragrafu 4. ***Il-Kummissjoni għandha tikkomunika raġunament debitament ġustifikat, inkluża*** identifikazzjoni tan-nuqqasijiet, ***lill-Istat Membru kkonċernat sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1***.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kunsill ***għandu jadotta d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija*** fil-paragrafu 1, bħala regola, fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.	6. Il-Kunsill ***u l-Parlament jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat imsemmi*** fil-paragrafu 1, bħala regola, fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ladarba ***l-Kunsill ikun adotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni kif*** imsemmi fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament	Ladarba ***l-att delegat*** imsemmi fil-paragrafu 6 ***ikun daħal fis-seħħ***, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom)

(UE, Euratom) 2024/2509, li tinkludi dan li ġej:

2024/2509, li tinkludi dan li ġej:

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-applikazzjonijiet għall-pagament għall-miżuri speċifiċi affettwati minn nuqqasijiet identifikati ***fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Kunsill jistgħu*** jiġu sottomessi mill-Istat Membru kkonċernat, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-pagamenti korrispondenti sakemm in-nuqqasijiet ikunu ġew rimedjati.	8. L-applikazzjonijiet għall-pagament għall-miżuri speċifiċi affettwati minn nuqqasijiet identifikati ***fl-att delegat imsemmi fil-paragrafu 5 għandhom*** jiġu sottomessi mill-Istat Membru kkonċernat, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-pagamenti korrispondenti sakemm in-nuqqasijiet ikunu ġew rimedjati.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità tal-Pjan SNR emendat ma' dan ir-Regolament, inkluż l-Artikolu 23 ***[Proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill]***, u tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien 3 xhur mis-sottomissjoni tal-Pjan SNR emendat.	2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità tal-Pjan SNR emendat ma' dan ir-Regolament, inkluż l-Artikolu 23, u tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien 3 xhur mis-sottomissjoni tal-Pjan SNR emendat.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn il-Kummissjoni ma tkunx issottomettiet osservazzjonijiet jew fejn tkun sodisfatta li kwalunkwe osservazzjoni li tkun saret ġiet ikkunsidrata kif xieraq, u	Fejn il-Kummissjoni ma tkunx issottomettiet osservazzjonijiet jew fejn tkun sodisfatta li kwalunkwe osservazzjoni li tkun saret ġiet ikkunsidrata kif xieraq, u

fejn l-emenda tal-Pjan SNR tirriżulta f'modifika tal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni, tal-ammont ta' appoġġ fil-forma ta' self jew tal-lista ta' miżuri jew li miżura waħda jew aktar tal-Pjan ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 23(1) ***[proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill]***, il-Kummissjoni għandha ***tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni ġdida tal-Kunsill*** f'konformità mal-Artikolu 23 mhux aktar tard minn 4 xhur wara s-sottomissjoni tal-Pjan SNR emendat. Il-Kunsill ***għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni ġdida, bħala regola,*** fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ***mbagħad*** għandha temenda d-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 23(7) ***[proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill]*** kif xieraq.	fejn l-emenda tal-Pjan SNR tirriżulta f'modifika tal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni, tal-ammont ta' appoġġ fil-forma ta' self jew tal-lista ta' miżuri jew li miżura waħda jew aktar tal-Pjan ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 23(1), il-Kummissjoni għandha ***tadotta att delegat*** f'konformità mal-Artikolu 23 mhux aktar tard minn 4 xhur wara s-sottomissjoni tal-Pjan SNR emendat. Il-Kunsill ***u l-Parlament jistgħu joġġezzjonaw*** fi żmien 4 ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni. ***Wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat,*** il-Kummissjoni għandha temenda d-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 23(7) kif xieraq.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-emenda tal-Pjan SNR ma tirriżultax f'modifika tal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni, tal-ammont ta' appoġġ fil-forma ta' self jew tal-lista ta' miżuri, il-Kummissjoni għandha tipproċedi direttament billi temenda d-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 23(7) ***[proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill]*** kif xieraq.	Fejn l-emenda tal-Pjan SNR ma tirriżultax f'modifika tal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni, tal-ammont ta' appoġġ fil-forma ta' self jew tal-lista ta' miżuri, il-Kummissjoni għandha tipproċedi direttament billi temenda d-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 23(7) kif xieraq.

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali ***jew fil-każ ta' aġġustamenti żgħar għall-Pjan SNR, li jirrappreżentaw żieda jew tnaqqis ta' inqas minn 5 % ta' mira stabbilita fil-Pjan SNR.*** L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk ir-regoli darba biss għal kull mira u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali aġġustamenti. Tali emendi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha tal-Pjan SNR, inkluża r-reviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kostijiet;	(a) għal korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali, l-Istati Membri għandhom japplikaw dawk ir-regoli darba biss għal kull mira u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali aġġustamenti. Tali emendi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha tal-Pjan SNR, inkluża r-reviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kostijiet;

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-miżuri speċifiċi identifikati ***fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(4)*** jew soġġetti għal deċiżjoni li timponi miżuri għall-protezzjoni tal-baġit skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 ma għandhomx jiġu emendati qabel ma titħassar id-deċiżjoni, sakemm l-emenda ma tkunx maħsuba biex tappoġġa miżuri li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali ***tal-Istat tad-Dritt*** jew biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq.	8. Il-miżuri speċifiċi identifikati ***fl-Artikoli 8(4), 9(4) u 9a (5),*** jew soġġetti għal deċiżjoni li timponi miżuri għall-protezzjoni tal-baġit skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 ma għandhomx jiġu emendati qabel ma titħassar id-deċiżjoni, sakemm l-emenda ma tkunx maħsuba biex tappoġġa miżuri li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali ***rilevanti*** jew biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq.

Emenda 95
Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(4) [Kundizzjonijiet tal-Karta]	***imħassar***

ma għandhomx jiġu emendati qabel ma titħassar id-deċiżjoni, sakemm l-emenda ma tkunx maħsuba biex tappoġġa miżuri li jikkontribwixxu għal:

(a) l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta;

(b) l-indirizzar ta' bidliet sinifikanti fil-prijoritajiet tal-Unjoni, fil-limitu ta' 30 % tal-ammonti assoċjati mal-miżuri speċifiċi kkonċernati.

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tal-Artikolu 63(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kull Stat Membru għandu ***jidentifika*** awtorità ta' ġestjoni waħda jew aktar, aġenzija tal-pagamenti waħda jew aktar u awtorità tal-awditjar waħda jew aktar għall-Pjan. L-awtoritajiet ***identifikati*** għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ewlenin rilevanti stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kollha ***identifikati*** għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom il-possibbiltà ta' skambji mal-Kummissjoni.	1. Għall-finijiet tal-Artikolu 63(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kull Stat Membru għandu ***jaħtar*** awtorità ta' ġestjoni waħda jew aktar, aġenzija tal-pagamenti waħda jew aktar u awtorità tal-awditjar waħda jew aktar għall-Pjan. L-awtoritajiet ***maħtura*** għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ewlenin rilevanti stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kollha ***maħtura*** għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom il-possibbiltà ta' skambji mal-Kummissjoni. ***Meta l-Pjan jikkonsisti minn kapitoli reġjonali u territorjali skont l-Artikolu 21(2), l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali rilevanti responsabbli għat-tfassil, il-programmazzjoni, il-ġestjoni u l-implimentazzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà ta' skambji direttament mal-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw katina ta' obbligu ta' rendikont ċara u dokumentata bejn l-awtoritajiet kollha identifikati u r-riċevituri finali tal-finanzjament tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod imparzjali u li jkun hemm stabbiliti arranġamenti effettivi biex jipprevjenu, jidentifikaw u jirrimedjaw kwalunkwe***

	kunflitt ta' interess (skont it-tifsira tal-Artikolu 61 tar-Regolament 2024/2509). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità ta' ġestjoni, l-aġenzija tal-pagamenti u l-awtorità tal-awditjar, jibqgħu funzjonalment indipendenti fit-twettiq tal-kompiti tagħhom u jkunu protetti minn kwalunkwe influwenza indebita, b'mod partikolari pressjoni politika, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta Stat Membru jafda l-implimentazzjoni tal-Pjan f'idejn l-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, tal-PAK jew tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 u abbażi tar-riżultati kollha tal-awditjar disponibbli, il-Kummissjoni ma tkunx esprimiet dubji dwar il-funzjonament effettiv ta' dawn l-awtoritajiet, dawn l-awtoritajiet għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti ewlenin.	***imħassar***

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tivverifika l-konformità tal-awtoritajiet tal-pjan mar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament qabel l-iżborż tal-pagamenti skont il-Pjan għall-Istat Membru kkonċernat. Għandhom

	jitwettqu awditi tas-sistema tal-awtoritajiet tal-pjan kollha biex jikkonfermaw il-kapaċità u l-prontezza li jiġġestixxu l-Pjan b'mod effettiv skont il-qafas ta' bbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni u jipproteġu l-interess finanzjarji tal-UE qabel jiġu rilaxxati l-pagamenti u kull sena sabiex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn il-mudell ta' bbaġitjar il-ġdid. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-awditi tas-sistema għandhom jiġu mehmuża fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni. Meta ma tkunx tista' tiġi kkonfermata l-prontezza, il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza teknika meħtieġa u tappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet biex tiżgura implimentazzjoni f'waqtha skont l-Artikoli 12 u 13 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tidentifika korp intermedju wieħed jew aktar biex iwettqu ċerti kompiti taħt ir-responsabbiltà tagħhom. L-arranġamenti bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-korpi intermedji għandhom jiġu rreġistrati bil-miktub. Il-kompiti delegati lill-korpi intermedjarji ma għandhomx jiġu fdati ulterjorment lil korpi oħra.	4. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tidentifika korp intermedju wieħed jew aktar biex iwettqu ċerti kompiti taħt ir-responsabbiltà tagħhom. L-arranġamenti bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-korpi intermedji għandhom jiġu rreġistrati bil-miktub. Il-kompiti delegati lill-korpi intermedjarji ma għandhomx jiġu fdati ulterjorment lil korpi oħra. ***L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-kompiti delegati jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti dwar it-traċċabbiltà, ir-reġistrazzjoni u l-kapaċità ta' awditjar tad-data, kif stabbilit f'dan ir-Regolament.***

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun awtorità pubblika, funzjonalment indipendenti mill-partijiet awditjati. Ix-xogħol tal-awditjar jista' jitwettaq minn korp pubbliku jew privat għajr l-awtorità tal-awditjar taħt ir-responsabbiltà ta' dik l-awtorità. Fejn l-Istat Membru jidentifika aktar minn awtorità tal-awditjar waħda, huwa għandu jistabbilixxi arranġamenti ta' koordinazzjoni għat-tħejjija tal-opinjoni annwali tal-awditjar u s-sommarju tal-awditi msemmija fl-Artikolu 53 [funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar].	5. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun awtorità pubblika, funzjonalment indipendenti mill-partijiet awditjati. Ix-xogħol tal-awditjar jista' jitwettaq minn korp pubbliku jew privat għajr l-awtorità tal-awditjar taħt ir-responsabbiltà ta' dik l-awtorità***. L-indipendenza funzjonali u n-newtralità finanzjarja tal-awtoritajiet u l-korpi tal-awditjar għandhom jiġu ggarantiti***. Fejn l-Istat Membru jidentifika aktar minn awtorità tal-awditjar waħda, huwa għandu jistabbilixxi arranġamenti ta' koordinazzjoni għat-tħejjija tal-opinjoni annwali tal-awditjar u s-sommarju tal-awditi msemmija fl-Artikolu 53 [funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar].

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn u fi ħdan l-awtoritajiet identifikati għall-Pjan jiġi rispettat.	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn u fi ħdan l-awtoritajiet identifikati għall-Pjan jiġi rispettat***, inkluża l-indipendenza funzjonali bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni, l-aġenziji tal-pagamenti u l-awtoritajiet tal-awditjar***.

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Meta jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet tal-pjan ***jistgħu*** jużaw sistema unika integrata u interoperabbli ta' informazzjoni u ta' monitoraġġ, inkluża għodda unika għall-	9. Meta jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet tal-pjan ***għandhom*** jużaw sistema unika integrata u interoperabbli ta' informazzjoni u ta' monitoraġġ, inkluża għodda unika għall-

estrazzjoni tad-data u għall-valutazzjoni tar-riskju, kif imsemmija fl-Artikolu 36(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, biex jaċċessaw u janalizzaw id-data rilevanti***, bil-ħsieb ta' applikazzjoni ġeneralizzata mill-Istati Membri***.	estrazzjoni tad-data u għall-valutazzjoni tar-riskju, kif imsemmija fl-Artikolu 36(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, biex jaċċessaw u janalizzaw id-data rilevanti.

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Għandhom jiġu organizzati laqgħat ta' rieżami annwali darba fis-sena bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru biex tiġi eżaminata l-prestazzjoni tal-Pjan jew tal-kapitoli tiegħu. L-awtoritajiet rilevanti ***u l-awtorità ta' koordinazzjoni*** għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat ta' rieżami. L-eżitu tal-laqgħa ta' rieżami għandu jiġi rreġistrat bil-miktub. L-Istat Membru għandu jsegwi l-kwistjonijiet imqajma matul il-laqgħa ta' rieżami li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-pjan jew ta' kapitolu wieħed jew aktar u għandu jinforma lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur dwar il-miżuri meħuda.	10. Għandhom jiġu organizzati laqgħat ta' rieżami annwali darba fis-sena bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru biex tiġi eżaminata l-prestazzjoni tal-Pjan jew tal-kapitoli tiegħu. L-awtoritajiet ***tal-pjan*** rilevanti ***kollha*** għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat ta' rieżami. L-eżitu tal-laqgħa ta' rieżami għandu jiġi rreġistrat bil-miktub. L-Istat Membru għandu jsegwi l-kwistjonijiet imqajma matul il-laqgħa ta' rieżami li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-pjan jew ta' kapitolu wieħed jew aktar u għandu jinforma lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur dwar il-miżuri meħuda. ***Ir-rieżami għandu jinkludi valutazzjoni tal-affidabbiltà tad-data rrapportata u tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll.***

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ta' koordinazzjoni għandha tkun responsabbli għal:	***1.*** L-awtorità ta' koordinazzjoni għandha tkun responsabbli għal:

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan filwaqt li tiżgura prattiki ta' governanza tajba u ż-żamma ta' kapaċità amministrattiva adegwata mill-awtoritajiet responsabbli għall-Pjan;	(a) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan***, inklużi l-affidabbiltà tad-data rrapportata u l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll*** filwaqt li tiżgura prattiki ta' governanza tajba u ż-żamma ta' kapaċità amministrattiva adegwata mill-awtoritajiet responsabbli għall-Pjan;

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-pagament għall-pjan lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 65;	(c) is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-pagament għall-pjan lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 65 ***u l-verifika tad-data inkluża fl-applikazzjonijiet għall-pagament dwar l-istadji importanti u l-miri, b'mod partikolari, li tkun appoġġata minn evidenza xierqa***;

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-forniment tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 59(1), il-punt (c) [Pakkett ta' aċċertament annwali] f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XII [dikjarazzjoni ta' ġestjoni] iffirmata mill-awtorità ta' ġestjoni jew mill-aġenzija tal-pagamenti;	(e) il-forniment tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 59(1), il-punt (c) [Pakkett ta' aċċertament annwali] f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XII [dikjarazzjoni ta' ġestjoni] iffirmata mill-awtorità ta' ġestjoni jew mill-aġenzija tal-pagamenti ***u akkumpanjata minn dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tal-awtoritajiet ta' ġestjoni kollha koordinati***; ***id-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni għandhom jinkludu aċċertament dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-***

	affidabbiltà tad-data;

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-koordinazzjoni u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni tad-dokumenti kollha mitluba bħala parti mill-pakkett ta' aċċertament annwali msemmi fl-Artikolu 59 [pakkett annwali];	(f) il-koordinazzjoni u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni tad-dokumenti kollha mitluba bħala parti mill-pakkett ta' aċċertament annwali msemmi fl-Artikolu 59 [pakkett annwali] ***u l-iżgurar li l-pakkett ta' aċċertament annwali jkun ibbażat fuq metodoloġiji armonizzati u fuq data konsistenti***;

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-iżgurar ta' flussi finanzjarji lill-awtoritajiet ta' ġestjoni, filwaqt li tiggarantixxi li ma' kull pagament magħmul mill-Kummissjoni, dawn l-awtoritajiet jirċievu l-ammonti dovuti lilhom, f'konformità mal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitoli rispettivi tagħhom u b'kont meħud tal-korrezzjonijiet finanzjarji potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kapitoli tagħhom u li sa tmiem il-perjodu huma jirċievu ammont mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tagħhom lill-Unjoni;	(g) l-iżgurar ta' flussi finanzjarji lill-awtoritajiet ta' ġestjoni ***u lill-aġenziji tal-pagamenti***, filwaqt li tiggarantixxi li ma' kull pagament magħmul mill-Kummissjoni, dawn l-awtoritajiet jirċievu l-ammonti dovuti lilhom, f'konformità mal-progress ***ivverifikat*** li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitoli rispettivi tagħhom u b'kont meħud tal-korrezzjonijiet finanzjarji potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kapitoli tagħhom u li sa tmiem il-perjodu huma jirċievu ammont mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tagħhom lill-Unjoni;

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-iżgurar ta' qafas għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet, il-partijiet ikkonċernati, is-sħab u l-benefiċjarji fil-livelli nazzjonali u lokali, u l-promozzjoni tat-tagħlim u l-esperimentazzjoni tal-politika;	(h) l-iżgurar ta' qafas għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet, il-partijiet ikkonċernati, is-sħab u l-benefiċjarji fil-livelli nazzjonali u lokali, u l-promozzjoni tat-tagħlim u l-esperimentazzjoni tal-politika***, b'appoġġ mill-Kummissjoni***;

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) l-iżgurar tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni tul il-katina ta' implimentazzjoni, inkluż fil-livell tar-riċevituri finali.

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta Stat Membru ma jkunx stabbilixxa awtorità ta' koordinazzjoni, il-funzjonijiet skont dan l-Artikolu għandhom, fejn rilevanti, jitwettqu mill-awtorità ta' ġestjoni.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tagħżel operazzjonijiet bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-kontribut tal-Pjan lejn il-kisba tal-objettivi tal-Fond, definiti fil-	(a) tagħżel operazzjonijiet bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-kontribut tal-Pjan lejn il-kisba tal-objettivi tal-Fond, definiti fil-

livell tal-kapitoli u l-miżuri tiegħu billi tistabbilixxi u tapplika kriterji u proċeduri mhux diskriminatorji u trasparenti;	livell tal-kapitoli u l-miżuri tiegħu billi tistabbilixxi u tapplika kriterji u proċeduri mhux diskriminatorji u trasparenti; ***Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jitkejlu, jiġu vverifikati u jiġu awditjati f'termini tal-kontribut tagħhom għall-istadji importanti u l-miri;***

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) twettaq verifiki ta' ġestjoni biex tiżgura li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri ***stabbiliti fil-Pjan u l-użu effettiv tal-fondi*** f'konformità mal-liġi applikabbli; għall-finijiet tat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, l-awtorità ta' ġestjoni ***ma hijiex mistennija*** tivverifika l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet;	(b) twettaq verifiki ta' ġestjoni biex tiżgura li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri ***kollha taħt ir-responsabbiltà tagħha*** f'konformità mal-liġi applikabbli***, inklużi l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat, u l-evitar ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess u finanzjament doppju***; għall-finijiet tat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, l-awtorità ta' ġestjoni ***għandha*** tivverifika l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet;

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tapplika miżuri u proċeduri effettivi u proporzjonati, b'kont meħud tar-riskji identifikati, biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess, u l-finanzjament doppju u tiżgura l-konformità tal-operazzjonijiet sottostanti mal-liġi applikabbli, f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin rilevanti stabbiliti fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin];	(c) tapplika miżuri u proċeduri effettivi u proporzjonati, b'kont meħud tar-riskji identifikati, biex tipprevjeni, tidentifika, ***tirrapporta*** u tikkoreġi irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess, u l-finanzjament doppju ***jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni,*** u tiżgura l-konformità tal-operazzjonijiet sottostanti mal-liġi applikabbli, f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin rilevanti stabbiliti fl-Anness IV [rekwiżiti

ewlenin];

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) tiżgura li benefiċjarju jirċievi l-ammont dovut fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżura b'mod sħiħ u mhux aktar tard minn [80] jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba għall-pagament mill-benefiċjarju; u għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35, il-punti (a) sa (g), (o), (p), u (r) [tipi ta' interventi], tiżgura li l-pagament lill-benefiċjarji jsir mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena tas-sottomissjoni tat-talba għall-pagament. L-iskadenza tista' tiġi interrotta jekk l-informazzjoni sottomessa mill-benefiċjarju ma tippermettix lill-awtorità ta' ġestjoni tistabbilixxi jekk l-ammont huwiex dovut;	(g) tiżgura li benefiċjarju jirċievi l-ammont dovut fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżura b'mod sħiħ u mhux aktar tard minn [80] jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba għall-pagament mill-benefiċjarju; u għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35, il-punti (a) sa (g), (o), (p), u (r) [tipi ta' interventi], tiżgura li l-pagament lill-benefiċjarji jsir mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena tas-sottomissjoni tat-talba għall-pagament. L-iskadenza tista' tiġi interrotta jekk l-informazzjoni sottomessa mill-benefiċjarju ma tippermettix lill-awtorità ta' ġestjoni tistabbilixxi jekk l-ammont huwiex dovut***. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti addizzjonali ta' dokumentazzjoni, verifika jew rapportar fuq il-benefiċjarji lil hinn minn dak meħtieġ biex jiġu stabbiliti l-eliġibbiltà, il-legalità, ir-regolarità u l-ilħuq tal-istadju importanti, il-mira jew l-output rilevanti. Kwalunkwe rekwiżit nazzjonali addizzjonali għandu jkun proporzjonat, ġustifikat u ppubblikat minn qabel***;

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) tirreġistra u taħżen b'mod elettroniku d-data meħtieġa għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifiki u l-awditi	(h) tirreġistra u taħżen b'mod elettroniku d-data meħtieġa għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifiki u l-awditi

f'konformità mal-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri] u l-Anness IV [rekwiżiti ewlenin], u tiżgura s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti;	f'konformità mal-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri] u l-Anness IV [rekwiżiti ewlenin], u tiżgura s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti; ***is-sistemi għandhom jippermettu r-rikonċiljazzjoni tad-data finanzjarja mad-data dwar il-prestazzjoni u jiżguraw it-traċċabbiltà għar-riċevituri finali;***

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) tiżgura li l-benefiċjarji jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jiżguraw il-viżibbiltà tal-appoġġ tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE, Euratom) XX [ir-Regolament dwar il-prestazzjoni]	(j) tiżgura li l-benefiċjarji ***u r-riċevituri*** jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jiżguraw il-viżibbiltà tal-appoġġ tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE, Euratom) XX [ir-Regolament dwar il-prestazzjoni]***;***

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) tissottometti informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri fil-Pjan kif meħtieġ mill-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri] u l-Anness IX [Rappurtar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri].	(l) tissottometti informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri fil-Pjan kif meħtieġ mill-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri] u l-Anness IX [Rappurtar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri]. ***l-informazzjoni sottomessa għandha tkun kompluta, akkurata u affidabbli, u tkun soġġetta għal proċeduri ta' validazzjoni xierqa.***

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-verifiki*** ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b) għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju u proporzjonati għar-riskji identifikati ex ante u bil-miktub.	2. ***Il-verifika tal-operazzjonijiet sottostanti bħala parti mill-verifiki*** ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b) għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju u proporzjonati għar-riskji identifikati ex ante u bil-miktub. ***Il-valutazzjonijiet tar-riskju għandhom iqisu b'mod espliċitu r-riskji relatati mal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u r-rapportar mhux affidabbli.***

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jinkludu verifiki amministrattivi fir-rigward tat-talbiet għall-pagament magħmula mill-benefiċjarji u verifiki fuq il-post tal-operazzjonijiet. Dawk il-verifiki għandhom jitwettqu qabel is-sottomissjoni tal-pakkett ta' aċċertament annwali f'konformità mal-Artikolu 59.	3. Il-verifiki ta' ġestjoni ***għandhom jitwettqu biex jiġi vverifikat it-twettiq tal-istadji importanti u l-miri kollha taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni, u l-konformità mal-liġi applikabbli, u*** għandhom jinkludu verifiki amministrattivi fir-rigward tat-talbiet għall-pagament magħmula mill-benefiċjarji u verifiki fuq il-post tal-operazzjonijiet. Dawk il-verifiki għandhom jitwettqu qabel is-sottomissjoni tal-pakkett ta' aċċertament annwali f'konformità mal-Artikolu 59 ***biex jiġu vverifikati l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet sottostanti***. ***Il-verifiki fuq il-post għandhom, fejn ikun xieraq, jinkludu verifiki tat-twassil reali tal-outputs u r-riżultati marbuta mal-istadji importanti u l-miri.***

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-aġenzija tal-pagamenti għandu jkollha organizzazzjoni amministrattiva u sistema ta' kontroll intern li tikkonforma mal-istandards ta' kontroll intern rikonoxxuti internazzjonalment u li tipprovdi garanziji suffiċjenti li l-pagamenti ***jkunu*** legali, regolari u kontabilizzati kif xieraq.	1. L-aġenzija tal-pagamenti għandu jkollha organizzazzjoni amministrattiva u sistema ta' kontroll intern li tikkonforma mal-istandards ta' kontroll intern rikonoxxuti internazzjonalment u li tipprovdi garanziji suffiċjenti li l-pagamenti ***magħmula mill-aġenzija tal-pagamenti lill-benefiċjarji, inklużi r-riċevituri finali fejn rilevanti, ikunu*** legali, regolari u kontabilizzati kif xieraq. ***Is-sistema ta' kontroll intern għandha tiżgura li l-pagamenti jsiru biss abbażi ta' informazzjoni verifikata u rendikont tal-entrati komplut. Il-pagamenti kollha għandhom ikunu traċċabbli fis-sistemi ta' kontabbiltà tal-aġenziji tal-pagamenti.***

Emenda 123
Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-aġenzija tal-pagamenti tista' tiddelega t-twettiq tal-kompiti tagħha, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti.	L-aġenzija tal-pagamenti tista' tiddelega t-twettiq tal-kompiti tagħha, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti. ***L-aġenzija tal-pagamenti għandha tiżgura li l-kompiti tagħha jitwettqu b'mod li jiggarantixxi l-affidabbiltà tad-data u l-konformità mad-dritt applikabbli.***

Emenda 124
Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-aġenzija tal-pagamenti għandha tipprovdi lill-awtorità ta' koordinazzjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-fini tal-Artikolu 50, il-punti (c), (e) u (f) tar-Regolament [CA].	L-aġenzija tal-pagamenti għandha tipprovdi lill-awtorità ta' koordinazzjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-fini tal-Artikolu 50, il-punti (c), (e) u (f) tar-Regolament [CA]. ***L-informazzjoni pprovduta għandha tinkludi aċċertament***

dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa u l-affidabbiltà tad-data.

Emenda 125
Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jimmonitorja kontinwament il-konformità tal-aġenzija tal-pagamenti mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u jkun inkarigat mill-ħruġ, ir-rieżami u l-irtirar tal-akkreditazzjoni tagħhom.	Kull Stat Membru għandu jimmonitorja kontinwament il-konformità tal-aġenzija tal-pagamenti mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u jkun inkarigat mill-ħruġ, ir-rieżami u l-irtirar tal-akkreditazzjoni tagħhom ***f'konformità mal-kriterji armonizzati stabbiliti mill-Kummissjoni***.

Emenda 126
Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti, inklużi r-rekwiżiti ta' governanza, is-sistemi ta' kontroll intern, il-kapaċità ta' awditjar, u l-kriterji ta' indipendenza.

Emenda 127
Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-Istat Membru jkun iddetermina li aġenzija tal-pagamenti akkreditata ma tibqax tirrispetta wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 b'mod li jaffettwa t-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Istat Membru għandu jqiegħed l-akkreditazzjoni tal-aġenzija tal-pagamenti	Fejn l-Istat Membru jkun iddetermina li aġenzija tal-pagamenti akkreditata ma tibqax tirrispetta wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 b'mod li jaffettwa t-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Istat Membru għandu jqiegħed l-akkreditazzjoni tal-aġenzija tal-pagamenti

taħt probation mingħajr dewmien. Hija għandha tfassal pjan li jinkludi azzjonijiet u skadenzi biex tirrimedja n-nuqqasijiet misjuba fi żmien perjodu li għandu jiġi ddeterminat skont is-severità tal-problema. Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż it-12-il xahar mid-data li fiha l-akkreditazzjoni titqiegħed taħt probation. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tagħti estensjoni ta' dak il-perjodu.

taħt probation mingħajr dewmien. Hija għandha tfassal pjan li jinkludi azzjonijiet u skadenzi biex tirrimedja n-nuqqasijiet misjuba fi żmien perjodu li għandu jiġi ddeterminat skont is-severità tal-problema. Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż it-12-il xahar mid-data li fiha l-akkreditazzjoni titqiegħed taħt probation. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tagħti estensjoni ta' dak il-perjodu. ***Il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi l-effettività tas-sistemi għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet, frodi u finanzjament doppju.***

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun responsabbli għat-twettiq ta' awditi dwar it-twettiq tal-istadji importanti u l-miri, u awditi tas-sistemi sabiex tipprovdi aċċertament lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, inkluż jekk is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiżgurawx il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti u l-protezzjoni effettiva u f'waqtha tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-awditi għandhom jipprovdu aċċertament dwar l-użu effettiv tal-fondi f'konformità mal-liġi applikabbli.	1. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun responsabbli għat-twettiq ta' awditi dwar it-twettiq tal-istadji importanti u l-miri***, inkluż l-affidabbiltà tad-data li tirfidhom*** u awditi tas-sistemi sabiex tipprovdi aċċertament lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, inkluż jekk is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiżgurawx il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti u l-protezzjoni effettiva u f'waqtha tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-awditi għandhom jipprovdu aċċertament dwar l-użu effettiv tal-fondi f'konformità mal-liġi applikabbli. ***(i) id-data mdaħħla fl-applikazzjonijiet għall-pagament ippreżentati għall-perjodu referenzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 59(1), il-punt (a), [pakkett ta' aċċertament] hijiex kompluta, akkurata u affidabbli u appoġġata minn evidenza verifikabbli;*** ***(ii) is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiffunzjonawx kif suppost u jiżguraw il-***

protezzjoni effettiva u f'waqtha tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, inkluża l-kapaċità tagħhom li jiżguraw it-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni u l-prevenzjoni tal-finanzjament doppju.

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità tal-awditjar għandha tħejji strateġija tal-awditjar ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li tqis id-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll prevista kif meħtieġ fl-Artikolu 22(2), il-punt (m), li tkopri l-awditi tas-sistemi, u l-awditi fir-rigward tal-istadji importanti u l-miri, u l-użu effettiv tal-fondi f'konformità mal-liġi applikabbli. L-awtoritajiet ta' ġestjoni kollha li jkunu għadhom kif ġew identifikati għandhom ikunu soġġetti għal awditu tas-sistemi qabel is-sottomissjoni tal-ewwel applikazzjoni għall-pagament.	3. L-awtorità tal-awditjar għandha tħejji strateġija tal-awditjar ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li tqis id-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll prevista kif meħtieġ fl-Artikolu 22(2), il-punt (m), li tkopri l-awditi tas-sistemi, u l-awditi fir-rigward tal-istadji importanti u l-miri, u l-użu effettiv tal-fondi f'konformità mal-liġi applikabbli. L-awtoritajiet ta' ġestjoni kollha li jkunu għadhom kif ġew identifikati għandhom ikunu soġġetti għal awditu tas-sistemi qabel is-sottomissjoni tal-ewwel applikazzjoni għall-pagament. ***Il-Kummissjoni għandha tivverifika u tapprova l-istrateġija tal-awditjar ta' kull Stat Membru individwali, kif ukoll l-analiżi tal-valutazzjoni tar-riskju biex tiżgura li hija suffiċjenti u konformi ma' dan ir-Regolament***.

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità tal-awditjar ***ma hijiex mistennija li*** tivverifika l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet għall-fini tax-	4. L-awtorità tal-awditjar ***għandha*** tivverifika l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet għall-fini tax-xogħol tal-awditjar tagħha ***u tiżgura l-konformità***

xogħol tal-awditjar tagħha.	***mal-liġi applikabbli, inklużi l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat, u n-nuqqas ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***.

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn l-Istat Membru jistabbilixxi aktar minn kumitat ta' monitoraġġ wieħed, huwa għandu jistabbilixxi wkoll kumitat ta' koordinazzjoni li għandu jiżgura l-ħarsa ġenerali u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet rilevanti li jimmaniġġaw kull wieħed mill-kapitoli tal-Pjan SNR, fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika lill-Istat Membru kkonċernat tad-deċiżjoni li tapprova l-Pjan SNR. Il-kumitat ta' koordinazzjoni għandu japprova l-elementi kollha elenkati taħt l-Artikolu 56(1) [funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ]	2. Fejn l-Istat Membru jistabbilixxi aktar minn kumitat ta' monitoraġġ wieħed, huwa għandu jistabbilixxi wkoll kumitat ta' koordinazzjoni li għandu jiżgura l-ħarsa ġenerali u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet rilevanti li jimmaniġġaw kull wieħed mill-kapitoli tal-Pjan SNR, fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika lill-Istat Membru kkonċernat tad-deċiżjoni li tapprova l-Pjan SNR. Il-kumitat ta' koordinazzjoni għandu japprova l-elementi kollha elenkati taħt l-Artikolu 56(1) [funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ]***. Il-kumitat ta' koordinazzjoni għandu jirrieżamina wkoll ir-riskji relatati ma' frodi, kunflitt ta' interess u affidabbiltà tad-data.***

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-implimentazzjoni tal-kapitolu jew kapitoli tal-Pjan SNR taħt ir-responsabbiltà tiegħu, inklużi l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-	5. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-implimentazzjoni tal-kapitolu jew kapitoli tal-Pjan SNR taħt ir-responsabbiltà tiegħu, inklużi l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress lejn il-kisba tal-objettivi tagħhom.

progress lejn il-kisba tal-objettivi tagħhom.	***Ir-rieżami għandu jinkludi l-progress lejn l-istadji importanti u l-miri u l-kwalità u l-affidabbiltà tad-data rrapportata.***

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ir-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ u d-data u l-informazzjoni kondiviżi mal-kumitat ta' monitoraġġ għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 64.	6. Ir-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ u d-data u l-informazzjoni kondiviżi mal-kumitat ta' monitoraġġ għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 64. ***L-informazzjoni ppubblikata għandha tinkludi sommarji tas-sejbiet tal-awditjar u azzjonijiet korrettivi.***

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-Kumitati ta' Monitoraġġ għandhom joperaw f'konformità mal-prinċipji ta' governanza f'diversi livelli u shubija, filwaqt li jiżguraw approċċ minn isfel għal fuq matul iċ-ċiklu tal-programm.

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jiddetermina fi proċedura pubblika u abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, il-kompożizzjoni u d-daqs tal-kumitat ta' monitoraġġ, filwaqt li jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-	Kull Stat Membru għandu jiddetermina fi proċedura pubblika u abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, il-kompożizzjoni u d-daqs tal-kumitat ta' monitoraġġ, filwaqt li jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-

awtoritajiet u l-korpi intermedji rilevanti tal-Istati Membri u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmija fl-Artikolu 6 [sħubija]. L-għadd ta' dawn is-sħab għandu jkun daqs jew superjuri għall-membri li jappartjenu lill-awtoritajiet jew lill-korpi intermedji.	awtoritajiet***, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali,*** u l-korpi intermedji rilevanti tal-Istati Membri u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmija fl-Artikolu 6 [sħubija]. L-għadd ta' dawn is-sħab għandu jkun daqs jew superjuri għall-membri li jappartjenu lill-awtoritajiet jew lill-korpi intermedji. ***Il-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ għandhom jintgħażlu b'mod li jiżgura n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess.***

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru għandu jippubblika u ***jaġġorna kull sena l-lista*** tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 64.	L-Istat Membru għandu jippubblika u ***jżomm il-lista*** tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ ***aġġornata*** fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 64.

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Ir-rappreżentanti*** tal-Kummissjoni għandhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ f'kapaċità konsultattiva.	2. ***L-awtorità tal-awditjar u r-rappreżentanti*** tal-Kummissjoni għandhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ f'kapaċità konsultattiva ***u jipprovdu osservazzjonijiet li għandhom jiġu rreġistrati bil-miktub***.

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-kapitolu u l-miżuri meħuda	(b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-kapitolu u l-miżuri meħuda

biex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet;	biex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet***, inklużi nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll u riskji relatati ma' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess u rapportar mhux affidabbli***;

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali ***tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta*** stabbiliti ***fl-Artikoli 8 u 9 [Kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-dritt u tal-Karta]*** u l-applikazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni;	(c) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali stabbiliti ***fl-Artikolu 7,*** u l-applikazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni***, inkluż bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' segwitu u bl-indirizzar tal-kwistjonijiet sistemiċi identifikati***;

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-progress li sar fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, is-sinteżi tal-evalwazzjonijiet u kwalunkwe segwitu mogħti għas-sejbiet;	(d) il-progress li sar fit-twettiq ***tal-evalwazzjonijiet, inklużi l-kwalità u r-robustezza metodoloġika*** tal-evalwazzjonijiet, is-sinteżi tal-evalwazzjonijiet u kwalunkwe segwitu mogħti għas-sejbiet;

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) il-funzjonament ta' sistemi ta' ġestjoni, awditjar u kontroll u l-effettività tal-miżuri biex tiġi żgurata l-protezzjoni f'waqtha u effiċjenti tal-interessi

	finanzjarji tal-UE u t-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni;

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-metodoloġija, il-kriterji u l-proċeduri għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluż kwalunkwe bidla fihom. Il-kriterji applikati u l-proċeduri li jintużaw għandhom ikunu nondiskriminatorji, inklużivi u trasparenti, jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità, jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jqisu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;	(b) il-metodoloġija, il-kriterji u l-proċeduri għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluż kwalunkwe bidla fihom. Il-kriterji applikati u l-proċeduri li jintużaw għandhom ikunu nondiskriminatorji, inklużivi u trasparenti, jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità, jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jqisu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, u għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet magħżula jkunu verifikabbli u jistgħu jiġu awditjati fir-rigward tal-istadji importanti u l-miri***;

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. F'każ ta' dewmien jew sfidi fl-implimentazzjoni ta' kapitoli differenti tal-Pjan, il-kumitat ta' koordinazzjoni jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet li jimmaniġġaw il-kapitoli tal-Pjan dwar it-titjib tal-effettività ta' dawn il-kapitoli fil-kisba tal-objettivi tagħhom, inkluża kwalunkwe azzjoni korrettiva li għandha tittieħed mill-awtoritajiet.	4. F'każ ta' dewmien jew sfidi fl-implimentazzjoni ta' kapitoli differenti tal-Pjan, il-kumitat ta' koordinazzjoni jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet li jimmaniġġaw il-kapitoli tal-Pjan dwar it-titjib tal-effettività ta' dawn il-kapitoli fil-kisba tal-objettivi tagħhom, inkluża kwalunkwe azzjoni korrettiva li għandha tittieħed mill-awtoritajiet. ***Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jindirizzaw, fejn rilevanti, in-nuqqasijiet fir-rapportar tad-data, is-sejbiet tal-awditjar u r-riskji għall-baġit tal-Unjoni.***

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-fondi fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet jikkonforma mal-liġi applikabbli, ***inklużi r-regoli applikabbli*** dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat. Huma għandhom b'mod partikolari jiżguraw il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u r-rapportar ta' irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-fondi fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet jikkonforma mal-liġi applikabbli, ***inkluż fir-rigward tar-regoli*** dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat***, u l-evitar ta' finanzjament doppju. Huma għandhom jiżguraw u jivverifikaw b'mod regolari li l-appoġġ ipprovdut intuża kif suppost biex jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri jew l-outputs stabbiliti, li d-data relatata mal-indikaturi kollha tal-prestazzjoni, inklużi dawk tal-output u tar-riżultati, hija kompluta, akkurata u affidabbli, u jieħdu l-azzjonijiet kollha xierqa***. Huma għandhom b'mod partikolari jiżguraw il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u r-rapportar ta' irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess***, u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi li jiggarantixxu rendikont tal-entrati sħiħ biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-finanzjament kollu pprovdut skont il-Pjanijiet tagħhom.***

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw u jivverifikaw regolarment li l-appoġġ ipprovdut ikun intuża kif suppost biex jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri jew l-outputs stabbiliti u jieħdu l-azzjonijiet xierqa kollha biex jiżguraw li l-użu tal-fondi fl-implimentazzjoni tal-	(b) jiżguraw u jivverifikaw regolarment***, abbażi ta' evidenza dokumentata u data affidabbli,*** li l-appoġġ ipprovdut ikun intuża kif suppost biex jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri jew l-outputs stabbiliti u jieħdu l-azzjonijiet

Pjanijiet jikkonforma mal-liġi applikabbli;	xierqa kollha biex jiżguraw li l-użu tal-fondi fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet jikkonforma mal-liġi applikabbli;

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżguraw il-kompletezza, l-akkuratezza u l-affidabbiltà tad-data relatata mal-indikaturi tal-output u tal-prestazzjoni;

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess, inkluż ***l-użu*** ta' għodod għall-estrazzjoni tad-data;	(c) jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw***, u jirrapportaw*** u jikkoreġu irregolaritajiet inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess, inkluż ***permezz tal-użu*** ta' għodod għall-estrazzjoni tad-data;

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżguraw l-evitar ta' finanzjament doppju mill-baġit tal-Unjoni, u jieħdu miżura immedjata biex jikkoreġu kwalunkwe sitwazzjoni ta' finanzjament doppju billi jikkanċellaw il-fondi l-aktar reċenti deċiżi għall-operazzjoni kkonċernata;	(e) jiżguraw l-evitar ta' finanzjament doppju mill-baġit tal-Unjoni, u jieħdu miżura immedjata biex jikkoreġu kwalunkwe sitwazzjoni ta' finanzjament doppju billi jikkanċellaw il-fondi l-aktar reċenti deċiżi għall-operazzjoni kkonċernata ***u, fil-każ ta' fondi li diġà jkunu ġew żborżati, jirkupraw l-ammonti***

	li jikkostitwixxu finanzjament doppju;

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jiżguraw ir-rapportar tal-każijiet kollha ta' suspetti ta' frodi, korruzzjoni u irregolaritajiet, inklużi kunflitt ta' interess, finanzjament doppju u ksur ieħor tal-liġi applikabbli fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS, Irregularity Management System) tal-Kummissjoni; il-Kummissjoni għandha tiġbor fil-qosor u tippubblika dik l-informazzjoni kull sena u għandha tikkomunikaha lill-Parlament Ewropew;	(g) jiżguraw ir-rapportar ***f'waqtu u komplut*** tal-każijiet kollha ta' suspetti ta' frodi, korruzzjoni u irregolaritajiet, inklużi kunflitt ta' interess, finanzjament doppju u ksur ieħor tal-liġi applikabbli***, irrispettivament minn jekk ikunux marbuta mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri, u jekk jitwettqux mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-operaturi ekonomiċi,*** fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS, Irregularity Management System) tal-Kummissjoni; Il-Kummissjoni għandha tiġbor fil-qosor u tippubblika dik l-informazzjoni kull sena***, diżaggregata skont l-Istat Membru, it-tip ta' irregolarità, l-impatt finanzjarju u l-azzjoni ta' segwitu, u għandha tikkomunikaha lill-Parlament Ewropew. L-IMS għandha sservi bħala l-pjattaforma unika ta' rapportar għall-ksur kollu tad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Pjan; l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kompletezza, l-akkuratezza u l-konsistenza tad-data kollha rrapportata fl-IMS u fis-sistemi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni; il-Kummissjoni għandha tiġbor fil-qosor u tippubblika dik l-informazzjoni kull sena*** u għandha tikkomunikaha lill-Parlament Ewropew; ***soġġett għal arranġamenti ta' kunfidenzjalità, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, fuq talba, ir-rapportar tal-każijiet kollha msemmija hawn fuq;***

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt h – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jirċievi aċċess ***għad-data msemmija fl-Artikolu*** 63 [dwar il-ġbir u l-pubblikazzjoni tad-data] fl-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tiegħu.	(ii) jirċievi aċċess ***f'waqtu, dirett u mingħajr restrizzjonijiet għad-dokumenti, ir-rekords, id-data, il-metadata u s-sistemi ta' informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu vvalutati l-legalità, ir-regolarità u l-prestazzjoni, inkluż il-fluss tal-fondi lill-benefiċjarji, ir-riċevituri, ir-riċevituri finali, is-sidien benefiċjarji, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi f'konformità mal-Artikolu*** 63 [dwar il-ġbir u l-pubblikazzjoni tad-data] fl-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tiegħu.

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ikollhom sistemi u proċeduri fis-seħħ biex jiżguraw li d-dokumenti ta' sostenn kollha meħtieġa għar-rendikont tal-entrati relatat ma' miżura appoġġata mill-Fond jinżammu fil-livell xieraq għal perjodu ta' 10 snin mill-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jsir l-aħħar pagament mill-Kummissjoni lill-Istat Membru; fejn tkun inbdiet proċedura ta' rimedju, ikun ġie ppreżentat appell jew fejn ikunu bdew proċedimenti tal-qorti, id-dokumenti ta' sostenn għandhom jinżammu sakemm jintemmu dawk il-proċeduri jew kwalunkwe proċedura ta' rkupru sussegwenti;	(i) ikollhom sistemi u proċeduri fis-seħħ biex jiżguraw li d-dokumenti ta' sostenn kollha meħtieġa għar-rendikont tal-entrati relatat ma' miżura appoġġata mill-Fond jinżammu fil-livell xieraq għal perjodu ta' 10 snin mill-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jsir l-aħħar pagament mill-Kummissjoni lill-Istat Membru ***u għandhom jiżguraw li tali dokumenti jippermettu r-rikostruzzjoni tar-rendikont sħiħ tal-entrati***; fejn tkun inbdiet proċedura ta' rimedju, ikun ġie ppreżentat appell jew fejn ikunu bdew proċedimenti tal-qorti, id-dokumenti ta' sostenn għandhom jinżammu sakemm jintemmu dawk il-proċeduri jew kwalunkwe proċedura ta' rkupru sussegwenti; ***ir-rendikont tal-entrati għandu jinkludi, mill-inqas, dokumenti li juru l-għażla, l-impenji legali, il-kundizzjonijiet għal appoġġ, l-akkwist u l-kuntratti, il-pagamenti, l-ilħuq ta' stadji importanti u miri, id-data dwar il-prestazzjoni, il-***

	korrezzjonijiet, l-irkupri u r-rapportar tal-IMS, sal-livell tal-benefiċjarji, ir-riċevituri, ir-riċevituri finali, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi;

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) jiżguraw li l-iskambji uffiċjali kollha ta' informazzjoni mal-Kummissjoni jitwettqu permezz ta' sistema ta' skambju elettroniku ta' data msemmija fl-Anness XVI [SFC2028: sistema ta' skambju elettroniku ta' data bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni]. L-Istati Membri ***ma humiex mistennija li*** jivverifikaw l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet u l-miżuri meta jivvalutaw it-twettiq tal-istadji importanti u l-miri.	(l) jiżguraw li l-iskambji uffiċjali kollha ta' informazzjoni mal-Kummissjoni jitwettqu permezz ta' sistema ta' skambju elettroniku ta' data msemmija fl-Anness XVI [SFC2028: sistema ta' skambju elettroniku ta' data bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni]. L-Istati Membri ***għandhom*** jivverifikaw l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet u l-miżuri meta jivvalutaw it-twettiq tal-istadji importanti u l-miri.

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar ta' kull sena dwar il-progress fil-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-Pjanijiet, filwaqt li jikkwantifikaw it-twettiq ta' kull mira u stadju importanti, u l-progress miksub għall-interventi bbażati fuq l-output appoġġati mill-Pjanijiet. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness IX [Rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri]. Jekk ma tkun disponibbli l-ebda kwantifikazzjoni dwar il-progress tal-istadji importanti u l-miri fis-sistemi ta' rapportar tal-progress, l-Istat Membru għandu jipprovdi stima tal-	3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar ta' kull sena dwar il-progress fil-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-Pjanijiet, filwaqt li jikkwantifikaw it-twettiq ta' kull mira u stadju importanti, u l-progress miksub għall-interventi bbażati fuq l-output appoġġati mill-Pjanijiet. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness IX [Rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri]. Jekk ma tkun disponibbli l-ebda kwantifikazzjoni dwar il-progress tal-istadji importanti u l-miri fis-sistemi ta' rapportar tal-progress, l-Istat Membru għandu jipprovdi stima tal-

progress miksub, f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness IX [Rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri]. L-informazzjoni magħmula disponibbli għandha tkopri l-progress sa tmiem is-sena N u għandha tiġi ppreżentata bħala parti mill-pakkett ta' aċċertament annwali msemmi fl-Artikolu ***57(1)***, il-punt (a).	progress miksub, f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness IX [Rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri]. L-informazzjoni magħmula disponibbli għandha tkopri l-progress sa tmiem is-sena N u għandha tiġi ppreżentata bħala parti mill-pakkett ta' aċċertament annwali msemmi fl-Artikolu ***59(1)***, il-punt (a). ***L-informazzjoni pprovduta għandha tkun kompluta, akkurata u affidabbli, u tkun soġġetta għal proċeduri ta' validazzjoni.***

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 86 [atti delegati] li jissupplimentaw il-paragrafu 2, il-punt (g) ta' dan l-Artikolu, b'regoli dwar il-kriterji għad-determinazzjoni tal-każijiet ta' suspett ta' frodi, korruzzjoni u irregolarità li għandhom jiġu rrapportati u dwar id-data li għandha tiġi pprovduta f'dak il-kuntest.	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati ***sal-31 ta' Jannar 2028*** f'konformità mal-Artikolu 86 [atti delegati] li jissupplimentaw il-paragrafu 2, il-punt (g) ta' dan l-Artikolu, b'regoli dwar il-kriterji għad-determinazzjoni tal-każijiet ta' suspett ta' frodi, korruzzjoni***, kunflitt ta' interessi*** u irregolarità li għandhom jiġu rrapportati, dwar id-data li għandha tiġi pprovduta f'dak il-kuntest.

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-informazzjoni sottomessa mal-applikazzjoni(jiet) għall-pagament hija kompluta, akkurata u affidabbli;	(i) l-informazzjoni sottomessa mal-applikazzjoni(jiet) għall-pagament hija kompluta, akkurata u affidabbli***, u sostnuta minn evidenza verifikabbli***;

Emenda 156

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-fondi ntużaw kif suppost;	(ii) il-fondi ntużaw kif suppost ***f'konformità mad-dritt applikabbli u bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-Pjan SNR***;

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti jiffunzjonaw kif suppost u jagħtu l-aċċertament meħtieġ li l-fondi ġew ġestiti f'konformità mal-liġijiet applikabbli kollha, ***inkluż*** dwar il-prevenzjoni, id-detezzjoni, ir-rapportar u l-korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni, il-finanzjament doppju, il-frodi u irregolaritajiet oħra, u f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba;	(iii) is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti jiffunzjonaw kif suppost***, jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti*** u jagħtu l-aċċertament meħtieġ li l-fondi ġew ġestiti f'konformità mal-liġijiet applikabbli kollha, ***inkluża l-liġi tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat, u*** dwar il-prevenzjoni, id-detezzjoni, ir-rapportar u l-korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni, il-finanzjament doppju, il-frodi u irregolaritajiet oħra, u f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba***, filwaqt li jiżguraw it-traċċabbiltà tal-fondi***;

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt c – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) id-data dwar il-prestazzjoni rrapportata għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni hija kompluta, akkurata u affidabbli;

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni pprovduta fil-pakkett ta' aċċertament annwali sabiex tiddeċiedi jekk tkunx meħtieġa xi waħda mill-miżuri speċifikati fl-Artikoli 66, 67 u 68 [interruzzjonijiet] [sospensjoni tal-pagamenti] [korrezzjonijiet finanzjarji].	2. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni pprovduta fil-pakkett ta' aċċertament annwali sabiex tiddeċiedi jekk tkunx meħtieġa xi waħda mill-miżuri speċifikati fl-Artikoli 66, 67 u 68 [interruzzjonijiet] [sospensjoni tal-pagamenti] [korrezzjonijiet finanzjarji]. ***Il-Kummissjoni għandha twettaq verifiki bbażati fuq il-kampjuni fuq kull pakkett ta' aċċertament annwali sottomess mill-Istati Membri u għandha tiskatta awtomatikament awditi jew kontrolli f'każ ta' prova raġonevoli ta' nuqqas ta' affidabbiltà tad-data pprovduta.***

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta jissottometti l-pakkett ta' aċċertament annwali finali għall-aħħar sena finanzjarja, l-Istat Membru għandu jikkonferma li l-pagamenti totali mill-Kummissjoni ma jaqbżux l-ammont totali mħallas mill-Istat Membru lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-Pjan, b'kont meħud tal-kontribuzzjoni nazzjonali.	3. Meta jissottometti l-pakkett ta' aċċertament annwali finali għall-aħħar sena finanzjarja, l-Istat Membru għandu jikkonferma ***abbażi tad-data verifikabbli u awditjata, inklużi l-kostijiet sottostanti verifikati,*** li l-pagamenti totali mill-Kummissjoni ma jaqbżux l-ammont totali mħallas mill-Istat Membru lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-Pjan, b'kont meħud tal-kontribuzzjoni nazzjonali ***u kwalunkwe rkupru jew korrezzjoni finanzjarja***. ***Meta din il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata, l-ammont żejjed għandu jiġi rkuprat.***

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-fini tal-awditi, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom għandhom, f'konformità mal-Artikolu 58(2), il-punt (h) [responsabbiltajiet tal-Istati Membri], ikollhom aċċess għar-rekords, id-dokumenti u l-metadata kollha meħtieġa, irrispettivament mill-mezz li fih jinħażnu, relatati mal-implimentazzjoni tal-pjan, inklużi l-operazzjonijiet appoġġati mill-Fond jew mas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u għandhom jirċievu kopji fil-format speċifiku mitlub. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jistgħu jitolbu informazzjoni supplimentari u jwettqu verifiki fuq il-post.	4. Għall-fini tal-awditi, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom għandhom, f'konformità mal-Artikolu 58(2), il-punt (h) [responsabbiltajiet tal-Istati Membri], ikollhom aċċess għar-rekords, id-dokumenti u l-metadata kollha meħtieġa***, inklużi l-ktajjen sħaħ tat-tranżazzjonijiet mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni sal-benefiċjarji u r-riċevituri finali***, irrispettivament mill-mezz li fih jinħażnu, relatati mal-implimentazzjoni tal-pjan, inklużi l-operazzjonijiet appoġġati mill-Fond jew mas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u għandhom jirċievu kopji fil-format speċifiku mitlub. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jistgħu jitolbu informazzjoni supplimentari u jwettqu verifiki fuq il-post.

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha twettaq awditi matul l-implimentazzjoni tal-Fond u sa 3 snin wara d-data tal-pagament finali.	5. Il-Kummissjoni għandha ***tivverifika l-pakkett ta' aċċertament annwali u għandha*** twettaq awditi ***annwali*** matul l-implimentazzjoni tal-Fond u sa 3 snin wara d-data tal-pagament finali.

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni għandha tivverifika t-twettiq tal-istadji importanti u l-miri mill-Istati Membri qabel il-

pagamenti.

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni ***ma hijiex mistennija*** tivverifika l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet għall-fini tax-xogħol tal-awditjar tagħha.	6. Il-Kummissjoni ***għandha*** tivverifika l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet għall-fini tax-xogħol tal-awditjar tagħha ***u tiżgura l-konformità mal-liġi applikabbli, inklużi l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, u n-nuqqas ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***.

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jwettqu l-awditi, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom iqisu kif xieraq il-prinċipji ta' awditu uniku u tal-proporzjonalità fir-rigward tal-livell ta' riskju għall-baġit tal-Unjoni.	1. Meta jwettqu l-awditi, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom iqisu kif xieraq il-prinċipji ta' awditu uniku u tal-proporzjonalità fir-rigward tal-livell ta' riskju għall-baġit tal-Unjoni***, filwaqt li jiżguraw li l-livell ta' aċċertament meħtieġ għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni ma jitnaqqasx***.

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-Pjanijiet li għalihom il-Kummissjoni tikkonkludi li l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar tkun affidabbli, u l-	3. Għall-Pjanijiet li għalihom il-Kummissjoni tikkonkludi li l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar tkun affidabbli, u l-

Istat Membru kkonċernat jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE, l-awditi tal-Kummissjoni stess ***għandhom*** ikunu limitati għall-awditjar tal-ħidma tal-awtorità tal-awditjar.	Istat Membru kkonċernat jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE, l-awditi tal-Kummissjoni stess ***jistgħu jkunu*** limitati għall-awditjar tal-ħidma tal-awtorità tal-awditjar.

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni u l-awtorità tal-awditjar jistgħu jiddeċiedu li ma jawditjawx l-istadji importanti u l-miri fi kwalunkwe sena fejn dawn ikunu diġà ġew soġġetti għal awditu mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.	4. Il-Kummissjoni u l-awtorità tal-awditjar jistgħu jiddeċiedu li ma jawditjawx l-istadji importanti u l-miri fi kwalunkwe sena fejn dawn ikunu diġà ġew soġġetti għal awditu mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. ***L-aċċertament jista' jiġi konklużż minn dikjarazzjoni ta' awditi tal-aċċertament imwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biss meta tali awditi jkunu twettqu bl-istess ambitu u objettiv.***

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm riskju speċifiku jew suspett ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitti ta' interess jew nuqqas ta' konformità serju ieħor mar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri];	(a) ikun hemm riskju speċifiku jew suspett ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitti ta' interess ***jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni,*** jew nuqqas ta' konformità serju ieħor mar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri]; ***inklużi riskji ta' data tar-rapportar mhux affidabbli;***

Emenda 169

Proposta għal regolament

Artikolu 62a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 62a
	Identifikatur uniku u kontrolli għal finanzjament doppju
	Meta operazzjoni tirċievi appoġġ kombinat jew kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni, il-Kummissjoni u l-Istat Membru rilevanti għandhom jiżguraw li dik l-operazzjoni tiġi assenjata identifikatur uniku li jippermetti t-traċċabbiltà fil-programmi u s-sistemi, u li jitwettqu kontroverifiki ex ante u kontrolli ex post ibbażati fuq ir-riskju sabiex jiġi pprevenut, identifikat u kkoreġut il-finanzjament doppju.

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tal-awditjar u l-kontrolli, it-trasparenza u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu b'mod elettroniku l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (g), filwaqt li jiżguraw is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti u jippermettu l-iskambju awtomatizzat ta' data mas-sistema elettronika identifikata mill-Kummissjoni:	1. Għall-finijiet tal-awditjar u l-kontrolli, it-trasparenza u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu b'mod elettroniku ***f'format interoperabbli u li jinqara mill-magni f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509***, l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (g), filwaqt li jiżguraw is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti u jippermettu l-iskambju awtomatizzat ta' data mas-sistema elettronika identifikata mill-Kummissjoni:

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-isem ġuridiku sħiħ tal-entità, l-indirizz, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħha fejn disponibbli jew identifikatur uniku ieħor stabbilit fil-livell tal-pajjiż;	(ii) l-isem ġuridiku sħiħ tal-entità, l-indirizz, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħha fejn disponibbli jew identifikatur uniku ieħor stabbilit fil-livell tal-pajjiż***, u jiżguraw il-verifika tagħhom mar-reġistri nazzjonali jew tal-Unjoni, fejn disponibbli***;

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt b – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-ammont ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni impenjata, l-indikazzjoni tal-miżura assoċjata skont il-Pjan u l-identifikatur tal-operazzjoni.	(vi) l-ammont ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni impenjata ***u l-ammonti żborżati lir-riċevituri u lir-riċevituri finali***, l-indikazzjoni tal-miżura assoċjata skont il-Pjan u l-identifikatur tal-operazzjoni.

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) informazzjoni dwar il-kuntratti kollha, jiġifieri l-isem, id-data, ir-referenza, l-ammont tal-kuntratt u kwalunkwe identifikatur jew numru ta' identifikazzjoni rilevanti;	(iii) informazzjoni dwar il-kuntratti kollha, jiġifieri l-isem, id-data, ir-referenza, l-ammont tal-kuntratt u kwalunkwe identifikatur jew numru ta' identifikazzjoni rilevanti***, inkluża t-traċċabbiltà sħiħa tal-ktajjen kuntrattwali***;

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistemi tagħhom għall-ġbir tad-data b'mod lest għad-diġitalizzazzjoni u interoperabbli abbażi tal-prinċipju li d-data tingħabar darba biss u terġa' tintuża. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji, ir-riċevituri, ir-riċevituri finali, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi, sa fejn ikun possibbli, ma jkunux ikkonfrontati b'duplikazzjoni tat-talbiet għad-data, ikollhom aċċess għad-data rilevanti kollha relatata magħhom u jkunu jistgħu jużaw mill-ġdid faċilment din id-data biex jimlew u jissottomettu l-applikazzjonijiet. Kull meta jkun possibbli, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jużaw ir-reġistri u l-bażijiet tad-data eżistenti.	4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistemi tagħhom għall-ġbir tad-data b'mod lest għad-diġitalizzazzjoni u interoperabbli abbażi tal-prinċipju li d-data tingħabar darba biss u terġa' tintuża. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji, ir-riċevituri, ir-riċevituri finali, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi, sa fejn ikun possibbli, ma jkunux ikkonfrontati b'duplikazzjoni tat-talbiet għad-data, ikollhom aċċess għad-data rilevanti kollha relatata magħhom u jkunu jistgħu jużaw mill-ġdid faċilment din id-data biex jimlew u jissottomettu l-applikazzjonijiet. Kull meta jkun possibbli, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jużaw ir-reġistri u l-bażijiet tad-data eżistenti. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data tkun ivvalidata, konsistenti u riutilizzabbli għall-finijiet tal-awditjar.***

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru għandu jiżgura l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 63(1) [Ġbir u reġistrazzjoni tad-data] fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, soġġett għall-protezzjoni tad-data personali u l-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. L-informazzjoni għandha tiġi aġġornata mill-inqas kull 6 xhur.	L-Istat Membru għandu jiżgura l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni ***kompluta*** stabbilita fl-Artikolu 63(1) [Ġbir u reġistrazzjoni tad-data] fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, soġġett għall-protezzjoni tad-data personali u l-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. ***Il-pubblikazzjoni għandha tkopri l-benefiċjarji, ir-riċevituri, ir-riċevituri finali, il-benefiċjarji finali, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha, u ma għandhiex tkun limitata għal lista tal-akbar riċevituri ta' finanzjament.*** L-informazzjoni għandha tiġi aġġornata mill-inqas kull 6 xhur. ***Fi kwalunkwe każ, l-ambitu tal-informazzjoni ppubblikata skont dan l-Artikolu ma għandux ikun***

	aktar ristrett minn dak meħtieġ skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni għandha tkun bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru u/jew bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, u għandha tibqa' disponibbli fuq is-sit web għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali tagħha. Id-data ppubblikata fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun f'format lest għad-diġitalizzazzjoni, miftuħ, interoperabbli u li jinqara minn magna, li jippermetti li d-data tiġi magħżula, imfittxija, estratta, imqabbla u użata mill-ġdid.	L-informazzjoni għandha tkun bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru u/jew bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, u għandha tibqa' disponibbli fuq is-sit web għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali tagħha. Id-data ppubblikata fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun f'format lest għad-diġitalizzazzjoni, miftuħ, interoperabbli u li jinqara minn magna, li jippermetti li d-data tiġi magħżula, imfittxija, estratta, imqabbla u użata mill-ġdid ***u għandha tippermetti li jsiru kontroverifiki ma' bażijiet tad-data oħra tal-Unjoni, fejn applikabbli***.

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kwalunkwe restrizzjoni tal-pubblikazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tkun meħtieġa u proporzjonata u għandha tiġi ddokumentata. Meta pubblikazzjoni tiġi ristretta, l-Istat Membru u, fejn applikabbli, il-Kummissjoni għandhom jippubblikaw sommarju mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni rilevanti.

Emenda 178

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 319 tat-TFUE, il-Fond għandu jkun soġġett għal rapportar skont ir-rapportar finanzjarju u ta' rendikont integrat imsemmi fl-Artikolu 253 tar-Regolament Finanzjarju, u, b'mod partikolari, separatament fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni.

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pagamenti mill-Kummissjoni għandhom isiru f'konformità mal-approprjazzjonijiet baġitarji u soġġetti għall-finanzjament disponibbli.	1. Il-pagamenti mill-Kummissjoni għandhom isiru f'konformità mal-approprjazzjonijiet baġitarji u soġġetti għall-finanzjament disponibbli. ***Il-valuri ta' żbarż assenjati għal kull stadju importanti u mira għandhom jirriflettu l-importanza ta' dak l-istadju importanti u l-mira, u għandhom ikunu proporzjonati għall-kost stmat bħala li huwa meħtieġ biex jintlaħqu.***

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni applikazzjoni għall-pagament f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XI [mudell għall-applikazzjoni għall-pagament]. L-ammonti inklużi f'applikazzjoni għall-pagament għandhom jikkorrispondu għall-ammonti ġġustifikati mit-twettiq tal-istadji	2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni applikazzjoni għall-pagament f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XI ***u din għandha tkun appoġġata minn evidenza dokumentata u data verifikabbli.*** [mudell għall-applikazzjoni għall-pagament]. L-ammonti inklużi f'applikazzjoni għall-

importanti u l-miri jew l-outputs korrispondenti għal interventi oħra, f'konformità mad-deċiżjoni li tapprova l-Pjan u abbażi tal-evidenza miġbura u vverifikata mill-Istat Membru.	pagament għandhom jikkorrispondu għall-ammonti ġġustifikati mit-twettiq tal-istadji importanti u l-miri jew l-outputs korrispondenti għal interventi oħra, f'konformità mad-deċiżjoni li tapprova l-Pjan u abbażi tal-evidenza miġbura u vverifikata mill-Istat Membru.

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-valutazzjoni tat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri, l-Istat Membru għandu jevalwa kull stadju importanti u mira fl-intier tiegħu, b'kont meħud tal-formulazzjoni, l-għan sottostanti, u l-kuntest tiegħu, skont l-Anness VIII [Linji gwida għall-valutazzjoni dwar it-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri taħt il-Fond].	3. Fil-valutazzjoni tat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri, l-Istat Membru għandu jevalwa kull stadju importanti u mira fl-intier tiegħu, b'kont meħud tal-formulazzjoni, l-għan sottostanti, u l-kuntest tiegħu, skont l-Anness VIII [Linji gwida għall-valutazzjoni dwar it-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri taħt il-Fond] ***inkluża l-verifika tad-data sottostanti u tal-evidenza li tappoġġa l-issodisfar***.

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni għandha tivverifika t-twettiq tal-istadji importanti u l-miri abbażi ta' evidenza dokumentarja suffiċjenti qabel ma tagħmel il-pagament korrispondenti.

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) dik l-informazzjoni tissuġġerixxi nuqqas ***serju*** ta' konformità ta' Stat Membru mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58 [responsabbiltajiet tal-Istati Membri], li ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi għalih;	(a) dik l-informazzjoni tissuġġerixxi nuqqas ta' konformità ta' Stat Membru mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58 [responsabbiltajiet tal-Istati Membri], li ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi għalih***, inkluż fejn tali nuqqas ta' konformità jaffettwa l-affidabbiltà tad-data tar-rapportar***;

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li twettaq verifiki b'mod partikolari biex tiddetermina jekk stadju importanti jew mira jew output wieħed jew aktar inklużi f'applikazzjoni għall-pagament ikunux twettqu ***jew intlaħqu***;	(b) il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li twettaq verifiki b'mod partikolari ***wara li tirċievi informazzjoni konkreta*** biex tiddetermina jekk stadju importanti jew mira jew output wieħed jew aktar inklużi f'applikazzjoni għall-pagament ikunux twettqu;

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 67 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-miżuri korrettivi biex jirrimedja s-sitwazzjoni li wasslet għal interruzzjoni skont l-Artikolu 66(3) [interruzzjoni], ***il-punt (a);***	(a) l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-miżuri korrettivi biex jirrimedja s-sitwazzjoni li wasslet għal interruzzjoni skont l-Artikolu 66(3) [interruzzjoni],

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 67 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun hemm nuqqas ***serju*** ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], li għalihom ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi;	(b) ikun hemm nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], ***irrispettivament minn jekk ikunux twettqu l-istadji importanti u l-miri rilevanti,*** li għalihom ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi;

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 67 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) stadju importanti jew mira jew output wieħed jew aktar inklużi f'applikazzjoni għall-pagament ma jkunux twettqu jew stadju importanti jew mira, li għaliha jkun ġie żborżat pagament, ikun ġie riversjat skont l-Artikolu 69 [riversjar];	(c) stadju importanti jew mira jew output wieħed jew aktar inklużi f'applikazzjoni għall-pagament ma jkunux twettqu ***jew dak it-twettiq ma jistax jiġi vverifikat abbażi ta' evidenza affidabbli*** jew stadju importanti jew mira, li għaliha jkun ġie żborżat pagament, ikun ġie riversjat skont l-Artikolu 69 [riversjar];

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 67 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet orizzontali stabbiliti fl-Artikolu 7 ma jkunux għadhom issodisfati;

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 67 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru bil-konklużjonijiet tagħha u tagħti lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta, fi żmien xahrejn, l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni. ***L-iskadenza tista' tiġi estiża jekk ikun hemm qbil reċiproku.*** Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha pprovduti mill-Istat Membru qabel ma tieħu deċiżjoni dwar is-sospensjoni.	2. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru bil-konklużjonijiet tagħha u tagħti lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta, fi żmien xahrejn, l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha pprovduti mill-Istat Membru qabel ma tieħu deċiżjoni dwar is-sospensjoni.

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 68 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun hemm frodi, korruzzjoni ***jew*** kunflitti ta' interess li ***jaffettwaw*** l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li ma jkunux ġew identifikati ***u rrapportati u kkoreġuti*** mill-Istat Membru;	(b) ikun hemm frodi, korruzzjoni***,*** kunflitti ta' interess***, jew kwalunkwe attività illegali oħra*** li ***taffettwa*** l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li ma jkunux ġew identifikati***, ma ġewx irrapportati, jew ma ġewx ikkoreġuti*** mill-Istat Membru;

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 68 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun hemm nuqqas ***serju*** ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi mill-Istat Membru;	(c) ikun hemm nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi mill-Istat Membru;

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 68 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ikunu tħallsu ammonti għal stadju importanti jew mira mhux imwettqa jew għal output mhux milħuq, li ma jkunx ġie identifikat u rrapportat mill-Istat Membru u ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi sa tmiem il-Pjan; meta Stat Membru jirrapporta tali sejbiet lill-Kummissjoni, tapplika l-proċedura ta' sospensjoni stabbilita fl-Artikolu 67(1), il-punt (c), (Sospensjoni tal-pagamenti);	(d) ikunu tħallsu ammonti għal stadju importanti jew mira mhux imwettqa jew għal output mhux milħuq, li ma jkunx ġie identifikat u rrapportat mill-Istat Membru u ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi sa tmiem il-Pjan***, inkluż fejn ir-rapportar ta' tali stadju importanti jew mira ma kienx akkurat jew kien qarrieqi***; meta Stat Membru jirrapporta tali sejbiet lill-Kummissjoni, tapplika l-proċedura ta' sospensjoni stabbilita fl-Artikolu 67(1), il-punt (c), (Sospensjoni tal-pagamenti);

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 68 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat l-appoġġ u tirkupra kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni fil-każijiet kollha li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew il-kisba ta' stadji importanti u miri li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru jew nuqqas serju ta' konformità mar-rekwiżiti ewlenin imsemmija fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin], jew mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri] li ma jkunx ġie kkoreġut mill-Istat Membru ***bis-sottomissjoni tal-pakkett ta' aċċertament fis-sena kontabilistika finali***.	4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat l-appoġġ u tirkupra kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni fil-każijiet kollha li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew il-kisba ta' stadji importanti u miri li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru jew nuqqas serju ta' konformità mar-rekwiżiti ewlenin imsemmija fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin], jew mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri] li ma jkunx ġie kkoreġut mill-Istat Membru ***fi żmien perjodu ta' sentejn mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun innotifikat formalment lill-Istat Membru dwar in-nuqqasijiet identifikati***.

Emenda 194

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru għandu jiżgura li t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mill-istadji importanti u l-miri rilevanti jibqa' żgurat għal mill-inqas 5 snin wara d-data tal-pagament tal-Kummissjoni li jikkorrispondi għall-kisba tal-istadju jew il-mira.	1. L-Istat Membru għandu jiżgura li t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mill-istadji importanti u l-miri rilevanti jibqa' żgurat għal mill-inqas 5 snin wara d-data tal-pagament tal-Kummissjoni li jikkorrispondi għall-kisba tal-istadju jew il-mira ***u għandu jkun sostnut minn evidenza li turi konformità kontinwa***.

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 78 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, fejn il-kost totali stmat ta' operazzjoni ma jaqbiżx l-EUR ***400 000***, l-appoġġ pubbliku pprovdut lill-benefiċjarju mill-Istat Membru ***għandu*** jieħu l-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kost jew, kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew, rata fissa, ħlief għal operazzjonijiet li għalihom l-appoġġ jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.	1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, fejn il-kost totali stmat ta' operazzjoni ma jaqbiżx l-EUR ***200 000***, l-appoġġ pubbliku pprovdut lill-benefiċjarju mill-Istat Membru ***jista'*** jieħu l-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kost jew, kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew, rata fissa, ħlief għal operazzjonijiet li għalihom l-appoġġ jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. ***L-operazzjonijiet li l-kost tagħhom jaqbeż 200 000 għandhom jiġu rimborżati abbażi tal-kostijiet reali.***

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 78 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-operazzjonijiet appoġġati taħt l-interventi msemmija fl-Artikolu 34(1) [Tipi ta' interventi], ir-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu ***għandhom*** japplikaw biss għal dawk l-operazzjonijiet li l-kost totali	2. Għall-operazzjonijiet appoġġati taħt l-interventi msemmija fl-Artikolu 34(1) [Tipi ta' interventi], ir-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu ***jistgħu*** japplikaw biss għal dawk l-operazzjonijiet li l-kost totali

tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 100 000.	tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 100 000.

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 78 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta l-appoġġ jieħu l-forma ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet jew għażliet ta' kostijiet issimplifikati, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiddefinixxi kundizzjonijiet għall-pagament oġġettivi, li jistgħu jitkejlu u verifikabbli, inkluża l-evidenza meħtieġa biex jintwera l-ilħuq ta' outputs, riżultati, stadji importanti jew kundizzjonijiet oħra.

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 78 - paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-użu ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet jew għażliet ta' kostijiet issimplifikati ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-esklużjoni, kunflitti ta' interess, evitar ta' finanzjament doppju, konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli, jew id-drittijiet ta' awditjar u investigazzjoni tal-Kummissjoni, l-OLAF, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, kif ikun xieraq, l-UPPE.

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Delega ta' setgħat ***fir-rigward tal-emendi ta' ċerti Artikoli u Annessi***	Delega ta' setgħat

Emenda 200

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 rigward il-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt prevista fl-Artikolu 9, il-paragrafi 4 u 6.

Emenda 201

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87, biex tiddetermina jekk il-Pjan SNR tal-Istat Membru kkonċernat huwiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 22 u 24.

Emenda 202

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Elementi obbligatorji tar-rendikont tal-entrati għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-Kummissjoni għandhom jinżammu fil-livell tal-awtorità ta'

ġestjoni/korp intermedju:

(1) dokumenti li juru l-ftehim ex ante tal-Kummissjoni dwar l-istadji importanti u l-miri li għandhom jitwettqu/jintlaħqu u l-ammonti korrispondenti;

(2) dokumentazzjoni relatata mal-għażla u l-approvazzjoni ta' operazzjonijiet koperti mir-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-Kummissjoni;

(3) dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' appoġġ iffirmati mill-benefiċjarju u l-awtorità ta' ġestjoni/il-korp intermedjarju li jiddikjara l-forma ta' appoġġ mogħtija lill-benefiċjarji;

(4) dokumentazzjoni li turi l-verifiki u l-awditi tal-ġestjoni mwettqa f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(5) prova ta' ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika lill-benefiċjarju u tad-data li fiha sar il-pagament;

(6) dokumenti li juru t-twettiq tal-istadji importanti u l-miri f'kull stadju jekk isiru f'passi, kif ukoll qabel ma tiġi ddikjarata n-nefqa finali lill-Kummissjoni.

Emenda 203

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	15a. Mekkaniżmi effettivi stabbiliti biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet orizzontali, kif imsemmija fl-Artikoli 7, 8, 9, u 9a (ġdid) ta' dan ir-Regolament.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni tiegħu ma inkluda ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034		
Referenzi	COM(2025)0565 – C10-0179/2025 – 2025/0240(COD)		
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 23.10.2025	REGI 23.10.2025	AGRI 23.10.2025
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CONT 23.10.2025		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Eero Heinäluoma 19.1.2026		
Eżami fil-kumitat	5.5.2026		
Data tal-adozzjoni	24.6.2026		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	18 4 3	

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

18	+
ECR	Şerban Dimitrie Sturdza
NI	Fidias Panayiotou
PPE	Georgios Aftias, Caterina Chinnici, Monika Hohlmeier, Kinga Kollár, Andreas Schwab, Tomáš Zdechovský, Juan Ignacio Zoido Álvarez
S&D	José Cepeda, Giuseppe Lupo, Marit Maij, Csaba Molnár, Carla Tavares
The Left	Jonas Sjöstedt, Pasquale Tridico
Verts/ALE	Daniel Freund, Rasmus Nordqvist

4	-
ESN	Alexander Jungbluth
PfE	Catherine Griset, Julien Sanchez, Annamária Vicsek

3	0
ECR	Dick Erixon, Bert-Jan Ruissen
PfE	Jaroslav Bžoch

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni